**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 432/18**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**Vs**

**Saviour Cachia**

**Illum 13 ta' Jannar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti fil-konfront ta' Saviour Cachia, iben Saviour Gauci u Vincenza neè Schembri, imwieled il-Pietà fil-31 ta' Mejju 1981 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 271481(M), talli fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Lulju 2018, għall-ħabta ta' nofs il-lejl, ġewwa Coral Court, Block B, Flat 3, Triq il-Parroċċa, San Pawl il-Baħar:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' Ashley Bernardette Camilleri u omissis, minuri ta' erba' (4) snin, skond kif iċċertifikat Dr. Sarah Bezzina MD mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur ta' l-Artikoli 202, 214 u 221 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna u cioè lil Ashley Bernardette Camilleri kontra l-volontà tagħha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Ukoll talli fid-data, lok, ħin u ċirkostanzi meta kellu r-responsabilità ta' tifel taħt it-tnax-il (12) sena, u cioè omissis, b'atti persistenti ta' għemil jew ta' nuqqas ta' għemil, ħaqar lit-tifel jew ġiegħel jew ippermetta il-moħqrija tat-tifel b'mezzi simili u dan bi ksur ta' l-Artikolu 247A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurja u/jew hedded lil PS343 Glen Carabott u lil PC312 Joseph Sultana, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Hekk kif korretti ai termini tad-Digriet datat 25 ta' April 2019, fol. 312 tal-proċess.

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku u cioè ta' PS343 Glen Carabott, PC312 Joseph Sultana, PC83 Wayne Bonello u PC956 Justin Buhagiar, filwaqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi żamm fil-pussess tiegħu, ġarr il-barra minn xi fond jew dintorni tiegħu, sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta hija, mingħajr il-liċenzja jew permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. U aktar talli ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehx jew fixxklu waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lill-ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt id-disposizzjonijiet oħra tal-Kodiċi Kriminali jew ta' liġi oħra, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. U aktar talli għad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offenda l-morali, l-imġieba jew id-deċenza pubblika, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(bb) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. U aktar talli kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
10. U aktar talli bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(m) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
11. U aktar talli mingħajr ma jidrob jew isawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi oħra kontra n-nies, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
12. U aktar talli inġurja jew hedded lil Ashley Bernardette Camilleri, b'inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi, anke jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ 'l barra mill-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
13. Ukoll talli fl-istess ġurnata, ħin u ċirkostanzi msemmija qabel, ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija nhar it-13 ta' Lulju 2016 mill-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech LL.D., u dan bi ksur ta' l-Artikolu 28B et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tqis lil Saviour Cachia bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża, u cioè Ashley Bernardette Camilleri u t-tfal tagħha, jew għaż-żamma tal-bon ordni pubbliku, il-Qorti, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Saviour Cachia b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta' somma ta' flus u dan ai termini ta' l-Artikolu 383 *et seq.* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-proċeduri, kontra Saviour Cachia, a benefiċċju ta' Ashley Bernardett Camilleri u t-tfal tagħha u dan ai termini ta' l-Artikoli 412Ċ u 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2];

Rat li waqt is-seduta ta' l-10 ta' Lulju 2018, id-Difiża ssollevat l-eċċezzjoni ta' l-infermità mentali ta' l-imputat sia fil-mument li twettqu r-reati mertu tal-proċeduri kif ukoll fiż-żmien tal-Kumpilazzjoni;

Rat li fid-dawl ta' tali eċċezzjoni, b'Digriet datat 13 ta' Lulju 2018[3], ġie nominat il-Psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino bħala Espert Psikjatra sabiex iħejji rapport dwar l-allegata infermità mentali ta' Saviour Cachia, kemm fil-mument li twettqu r-reati li bihom qed jiġi akkużat kif ukoll fiż-żmien tal-Kumpilazzjoni;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Awwissu 2018[4] u rat ir-Relazzjoni tiegħu a fol. 34 sa' 43 tal-proċess;

Rat li b'Digriet datat 7 ta' Awwissu 2018[5], il-Qorti ordnat li l-Kumpilazzjoni fil-konfront ta' Saviour Cachia titkompla stante li mir-Relazzjoni ta' l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino rriżulta li Saviour Cachia ma kienx fi stat ta' infirmità mentali waqt l-allegati reati u lanqas waqt l-istadju tal-Kumpilazzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "JG1" u Dok. "JG2" a fol. 9 sa' 20 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Josef Gauci mogħtija waqt is-seduti tas-7 ta' Awwissu 2018[6], tat-13 ta' Awwisu 2018[7], ta' l-4 ta' Ottubru 2018[8] u ta' l-20 ta' Novembru 2018[9] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JG3" sa' Dok. "JG8" a fol. 44 sa' 55 tal-proċess, ir-ritratti markati Dok. "GV1" sa' Dok. "GV6" a fol. 75 tal-proċess, is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Saviour Cachia" datata 13 ta' Lulju 2016 markata Dok. "GV7" a fol. 76 u 77 tal-proċess, is-sikkina[10] konfiskata mill-pussess ta' Saviour Cachia u riċevuta relattiva flimkien markati Dok. "GV8" a fol. 78 tal-proċees, id-dokument markat Dok. "GV1" a fol. 182 tal-proċess u d-dokumenti markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 239 sa' 244 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Ashley Camilleri mogħtija waqt is-seduti tas-7 ta' Awwissu 2018[11] u ta' l-4 ta' Ottubru 2018[12] u x-xhieda ta' PC312 Joseph Sultana mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Awwissu 2018[13], semgħet ix-xhieda ta' omissis[14], ta' omissis[15], ta' omissis[16] u ta' Dr. Sarah Bezzina[17] ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2018, semgħet ix-xhieda ta' PS343 Glen Carabott[18], ta' PC83 Wayne Bonello[19], ta' PC956 Justin

[2] Fol. 314 tal-proċess.
[3] Fol. 25 tal-proċess.
[4] Fol. 56 sa' 60 tal-proċess.
[5] Fol. 32 tal-proċess.
[6] Fol. 61 sa' 63 tal-proċess.
[7] Fol. 106 u 107 tal-proċess.
[8] Fol. 181 tal-proċess.
[9] Fol. 238 tal-proċess.
[10] Is-sikkina elevata mill-pussess ta' Saviour Cachia għandha Esebit Nru. KA 178/2018, fol. 108 tal-proċess.
[11] Fol. 64 sa' 68 tal-proċess.
[12] Fol. 174 sa' 178 tal-proċess.
[13] Fol. 69 sa' 72 tal-proċess.
[14] Fol. 87 u 88 tal-proċess.
[15] Fol. 89 sa' 98 tal-proċess.
[16] Fol. 99 sa' 101 tal-proċess.
[17] Fol. 102 sa' 105 tal-proċess.
[18] Fol. 112 sa' a tergo ta' fol. 115 tal-proċess.
[19] Fol. 116 sa' 121 tal-proċess.

Buhagiar[20], ta' Leonard Junior Bruno[21] u ta' Susan Camilleri[22], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Awwissu 2018, semgħet ix-xhieda ta' WPC Kristy Sciberras[23] u ta' l-Ispettur Godwin Scerri mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2018[24] u x-xhieda ta' l-Espert Tekniku John Sacco mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru 2018[25] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JS" a fol. 201 sa' 222 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2018[26] u rat ir-Relazzjoni tiegħu a fol. 228 sa' 237 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Valerio Vella Catalano[27], ta' l-Avukat Dr. Daniela Bugeja Mangion[28] u ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar[29], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Diċembru 2018 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Avukat Dr. Daniela Bugeja Mangion a fol. 248 sa' 268 tal-proċess u r-Relazzjoni ta' Dr. Marisa Cassar markata Dok. "MC" a fol. 271 sa' 275 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Psikologa Dr. Veronica Ellul Federici mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2019[30] u rat ir-Relazzjoni tagħha markata Dok. "VE" a fol. 286 sa' 296 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Ryan Camilleri mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2019[31] u x-xhieda tal-Probation Officer Marianne Zammit inkarigata biex tħejji Social Inquiry Report fil-konfront ta' Saviour Cachia[32], mogħtija waqt is-seduti tal-25 ta' April 2019[33], ta' l-14 ta' Lulju 2020[34] u tal-5 ta' Novembru 2020[35] u rat is-Social Inquiry Report minnha mħejji fil-konfront ta' Saviour Cachia a fol. 318 sa' 340 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Diane Pace mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2020[36] u x-xhieda ta' Dr. Beppe Micallef Trigona mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2020[37] u semgħet ix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu 2021[38]

Semgħet lil Claire Borg[39], Caroline Vassallo[40] u Censina Cachia[41], ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2018, liema xhieda nstemgħu limitatament għall-finijiet tat-talba għall-Ħeslien mill-Arrest ta' l-imputat, liema talba ġiet milqugħa b'Digriet mogħti fl-4 ta' Ottubru 2018;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront ta' Saviour Cachia għas-salvagwardja ta' Ashley Bernardette Camilleri u wliedha, datat 4 ta' Ottubru 2018[42];

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 28 ta' Mejju 2019[43] permezz ta' liema bagħat lil Saviour Cachia biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

[20] Fol. 122 sa' a tergo ta' fol. 125 tal-proċess.
[21] Fol. 126 sa' a tergo ta' fol. 130 tal-proċess.
[22] Fol. 131 sa' a tergo ta' fol. 133 tal-proċess.
[23] Fol. 178a u 178b tal-proċess.
[24] Fol. 179 u 180 tal-proċess.
[25] Fol. 199 tal-proċess.
[26] Fol. 226 u 227 tal-proċess.
[27] Fol. 246 tal-proċess.
[28] Fol. 247 tal-proċess.
[29] Fol. 269 u 270 tal-proċess.
[30] Fol. 284 u 285 tal-proċess.
[31] Fol. 302 sa' 306 tal-proċess.
[32] Vide fol. 307 u 311 tal-proċess.
[33] Fol. 315 sa' 317 tal-proċess.
[34] Fol. 364 sa' 366 tal-proċess.
[35] Fol. 390 sa' 393 tal-proċess.
[36] Fol. 354 sa' 357 tal-proċess.
[37] Fol. 380 sa' 389 tal-proċess.
[38] Fol. 400 sa' 403 tal-proċess.
[39] Fol. 166 sa' 168 tal-proċess.
[40] Fol. 169 sa' 171 tal-proċess.
[41] Fol. 172 u 173 tal-proċess.
[42] Fol. 187 tal-proċess.
[43] Fol. 342 tal-proċess.

- Fl-Artikoli 202(h), 214, 215, 221(1), 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 247A(1)(2)(3) u 197(5) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 95 u 99A tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 96 u 99A tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 6, 51(7) u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta
- Fl-Artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2019[44] il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq, l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u konsegwentement inqraw l-Artikoli;

Rat id-Digriet datat 17 ta' Settembru 2020[45] permezz ta' liema t-talba ta' Saviour Cachia sabiex din il-Qorti tikkonverti ruħha għal Qorti dwar id-Droga ai termini ta' l-Artikolu 8 tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta, ġiet miċħuda;

Rat in-Nota ta' Saviour Cachia ppreżentata fl-10 ta' Ġunju 2021 a fol. 406 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni a fol. 407 sa' 411 tal-proċess u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Saviour Cachia a fol. 415 sa' 422 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Lulju 2018, għall-ħabta ta' nofs il-lejl, ġewwa Coral Court, Block B, Flat 3, Triq il-Parroċċa, San Pawl il-Baħar: (1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Ashley Bernardette Camilleri u omissis, minuri ta' erba' (4) snin, skond kif iċċertifikat Dr. Sarah Bezzina MD mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur ta' l-Artikoli 202, 214 u 221 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna u cioè lil Ashley Bernardette Camilleri kontra l-volontà tagħha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) ukoll talli fid-data, lok, ħin u ċirkostanzi meta kellu r-responsabilità ta' tifel taħt it-tnax-il (12) sena, u cioè omissis, b'atti persistenti ta' għemil jew ta' nuqqas

[44] Fol. 343 tal-proċess.
[45] Fol. 376 sa' 378 tal-proċess.

ta' għemil, ħaqar lit-tifel jew ġiegħel jew ippermetta il-moħqrija tat-tifel b'mezzi simili u dan bi ksur ta' l-Artikolu 247A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurja u/jew hedded lil PS343 Glen Carabott u lil PC312 Joseph Sultana, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz puèbbliku waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku u cioè ta' PS343 Glen Carabott, PC312 Joseph Sultana, PC83 Wayne Bonello u PC956 Justin Buhagiar, filwaqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (6) ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi żamm fil-pussess tiegħu, ġarr il-barra minn xi fond jew dintorni tiegħu, sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta hija, mingħajr il-liċenzja jew permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta; (7) u aktar talli ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehx jew fixxklu waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lill-ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt id-disposizzjonijiet oħra tal-Kodiċi Kriminali jew ta' liġi oħra, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (8) u aktar talli għad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offenda l-morali, l-imġieba jew id-deċenza pubblika, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(bb) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (9) u aktar talli kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (10) u aktar talli bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(m) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (11) u aktar talli mingħajr ma jidrob jew isawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi oħra kontra n-nies, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (12) u aktar talli inġurja jew hedded lil Ashley Bernardette Camilleri, b'inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi, anke jekk kien ipprovokat, inġurjat b'mod li ħareġ 'l barra mill-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (13) ukoll talli fl-istess ġurnata, ħin u ċirkostanzi msemmija qabel, ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija nhar it-13 ta' Lulju 2016 mill-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech LL.D., u dan bi ksur ta' l-Artikolu 28B et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob li f'każ ta' ħtija l-Qorti tittratta lill-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 28 ta' Mejju 2019, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 202(h), 214, 215, 221(1), 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- Fl-Artikoli 247A(1)(2)(3) u 197(5) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 95 u 99A tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 96 u 99A tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 6, 51(7) u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta
- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dawn il-proċeduri xehdu s-segwenti xhieda:

- **L-Ispettur Josef Gauci**[46] illi xehed li *fid-9 ta' Lulju li għadda* [2018] *ġejt infurmat mis-Surġent 343 Glenn Carabott li kien għadu kif arresta lill-imputat Saviour Cachia wara li kienu rċevew telefonata mill-Control Room li kien hemm leħen femminili li kien hemm raġel qed jheddidha b'xi tfal tagħha. Is-Surġent informa lili u marru immedjatament fuq il-post fejn l-istess Saviour Cachia beda jhedded lil Ashley Camilleri li tiġi l-partner tiegħu, kif ukoll liż-żewġt itfal tagħha, wieħed ta' four u l-ieħor ta' seven years old. Fir-reat intużat ukoll sikkina li beda jheddidha biha. ... kif ukoll lill-Pulizija. Huwa għalaq il-bieb u ma riedx iħalli lill-Pulizija jidħlu, lil Ashley żammha ġewwa kontra l-volontà tagħha u ma ħallihiex toħroġ u hija bdiet tgħajjat għall-għajnuna u eventwalment il-Pulizija ma kellhiex għażla oħra u kellha tifqa' l-bieb ġewwa. Beda jhedded lilhom ukoll, lill-Pulizija u ħafna dagħa faħxi. Jiena ordnajt l-arrest tiegħu u kellhom jiġu wkoll membri ta' l-iskwadra ta' l-RIU fejn imbagħad ġie skortat lejn l-Għassa tal-Qawra. Ta' min jgħid li s-Surġent infurmani li instab ħafna demm fuq imnieħer il-vittma Ashley, kif ukoll xi ġrieħi fuq it-tifel ta' erba' snin li jismu omissis. Instab ukoll xi demm imċappas mal-ħitan u xi affarijiet imkissrin ma' l-art. ... Ġejt infurmat ukoll li huma u sejrin bih lejn l-Isptar il-ħin kollu jidgħi u joffendi lill-Pulizija ġol-karozza u beda jtellifhom mis-sewqan tagħhom ukoll. Beda joffendi lill-Pulizija anki li ma kienux hemmhekk fuq il-post u x'ħin wasal l-Isptar dan irrifjuta l-assistenza medika. ... Wara dan ġie meħud il-lock-up tal-Pulizija l-Floriana u l-għada ġie rilaxxat statement minnu fil-presenza ta' l-Avukat ta' l-Għajnuna Legali Dr. Graziella Tanti kif ukoll kienet preżenti waqt l-interrogazzjoni. ... Is-sikkina ġiet elevata u qiegħda fil-pussess tagħna. ... Minn meta ttieħed l-istatement ġie mressaq b'arrest quddiem il-Maġistrat Dr. Doreen Clarke. Ngħid ukoll li t-tifel u ħuh stqarrew mal-Pulizija li ġie imsawwat mill-istess imputat u kienu jidhru l-ġrieħi fuq it-tifel.*

  L-Ispettur Gauci ppreżenta s-segwenti dokumenti: rapport tal-Pulizija dwar dan il-każ - Dok. "JG3" a fol. 44 sa' 47 tal-proċess, ċertifikat mediku relattiv għal xi ġrieħi li ġarrab l-imputat waqt l-arrest - Dok. "JG4" a fol. 48 tal-proċess, ċertifikat mediku relattiv għall-ġrieħi mġarrba minn Ashley Bernardette Camilleri - Dok. "JG5" a fol. 49 tal-proċess, ċertifikat mediku relattiv għall-ġrieħi mġarrba minn omissis - Dok. "JG6" a fol. 50 tal-proċess, nota ta' Dr. Ryan Camilleri minn liema jirriżulta li l-imputat irrifjuta

[46] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Awwissu 2018, fol. 61 sa' 63 tal-proċess.

l-assistenza medika - Dok. "JG7" a fol. 51 tal-proċess, stqarrija rilaxxata mill-imputat - Dok. "JG8" a fol. 52 sa' 54 tal-proċess, sett ta' ritratti li juru l-ġrieħi fuq omissis markati Dok. "GV1" sa' Dok. "GV6" a fol. 75 tal-proċess, is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Saviour Cachia" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Lulju 2016 markata Dok. "GV7" a fol. 76 u 77 tal-proċess u mill-ġdid esebita bħala Dok. "A" a fol. 239 u 240 tal-proċess, is-sikkina[47] konfiskata mill-pussess ta' l-imputat u riċevuta relattiva flimkien markati Dok. "GV8" a fol. 78 tal-proċess, estratt miċ-ċertifikat tat-twelid ta' omissis markat Dok. "GV1" a fol. 182 tal-proċess u s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Saviour Cachia et" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 ta' Lulju 2010, markata Dok. "B" a fol. 241 sa' 244 tal-proċess.

- **Ashley Camilleri**[48] illi xehdet li dakinhar ta 'l-allegat inċident, hi, l-imputat u t-tfal tagħha kienu għadhom kif waslu fir-residenza tagħha wara li kienu marru BBQ għand ommha. Sakemm hi u bintha omissis marru għand il-ġar tagħhom biex jiġbru xi affarijiet li omissis ħalliet hemm, l-imputat daħal fir-residenza biż-żewġt itfal subien, omissis u omissis. Xħ'in Ashley daħlet id-dar semgħet lis-subien jibku u meta marret biex tara għalfejn kienu qed jibku, omissis qalilha li l-imputat kien sawwat lil omissis. Hekk kif ikkonfrontat lill-imputat dwar dan, hu ħadha kontra tagħha, qabadha minn għonqha, taha daqqa ta 'ras, għamlilha *black eye* u qasmilha mnieħerha. Fir-rigward ta 'omissis, Ashley Camilleri ddikjarat li kellu żewġ gundalli, waħda fuq moħħu u oħra f'rasu, u kellu tbenġil fuq widintu u spalltu. Meta eventwalment huma marru l-Isptar, omissis inżamm hemmhekk għal tlett ijiem taħt osservazzjoni u sarulu xi testijiet biex jaraw li kollox kien sew peress illi kellu xi demm fl-urina.

  Ashley Camilleri xehdet ukoll illi hi u l-imputat già kienu argumentaw minħabba sitwazzjoni li nqalgħet waqt il-BBQ għand ommha. Iddikjarat li *kellna argument, fil-bar-b-que kien hemm ħabib ta ommi, ħabib tal-familja li ilna nafuh a long time, qisu missier għalija u meta introduċejtu lil Saviour, introduċejtu bħala missieri, it-tieni missier, u jiena u hu morna nitkellmu fil-bathroom għax ma kellniex privatezza u Saviour ġie u rana fil-bathroom. Konna jiena, it-tifla u dan il-ħabib ta ommi, u bdejna nitkellmu u Saviour ma ħax pjaċir u beda jinqala l-argument minn hemmhekk bażikament*. Ashley Camilleri iddikjarat ukoll li waqt il-BBQ l-imputat kien xorob il-birra, għalkemm ma kenitx taf eżatt kemm kien xorob, iddikjarat *konna bar-b-que tal-familja u ħa ftit drinks*. Mistoqsija jekk kienx ħa xi sustanzi lleċiti, hija rrispondiet *le ma nafx*.

  Mix-xhieda ta 'Ashley Camilleri rriżulta wkoll li eventwalment waslu l-Pulizija fuq il-post iżda l-imputat beda jirreżistihom u ma ħallihomx jidħlu ġewwa l-fond. Fir-rigward hija xehdet illi *naf li ppruvaw* (ossia l-Pulizija) *jidħlu u ma setgħux għall-ewwel għax Saviour beda jżomm il-bieb. Imbagħad meta irnexxielhom jidħlu żammewh u jiena ħrabt il-barra bit-tfal, imbagħad wara dak ma nafx xġ'ara*. Irriżulta wkoll li tul il-ħin ta 'l-allegat inċident l-imputat kellu sikkina f'idu u mistoqsija x'kien qed jagħmel biha, Ashley Camilleri wieġbet *kien qiegħed iżommha u jżomm il-bieb biex intom* (ossia l-Pulizija) *ma tidħlux.*

  Fix-xhieda li tat waqt is-seduta ta 'l-4 ta 'Ottubru 2018[49], għall-mistoqsija jekk fil-ħin ta 'l-allegat inċident għamlitx tentattivi biex toħroġ mill-appartament jew jekk xtaqitx toħroġ mill-appartament, Ashley Camilleri wieġbet *xtaqtkom tidħlu ħalli tieqaf l-affari*

---
[47] Is-sikkina elevata mill-pussess ta' Saviour Cachia għandha Esebit Nru. KA 178/2018, fol. 108 tal-proċess.
[48] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Awwissu 2018, fol. 64 sa' 68 tal-proċess.
[49] Fol. 174 sa' 178 tal-proċess.

u li meta eventwalment il-Pulizija rnexxielhom jidħlu fir-residenza hija marret fil-kamra taġ 'ewwa ħdejn it-tfal u eventwalment ħarġu 'l barra. Mistoqsija ulterjorment *jiġifieri jekk ngħidlek li inti xtaqt toħroġ mill-appartament xi tgħid iva jew le? Jew kellek minn fejn toħroġ aktar?* Ashley Camilleri wieġbet *ifhem stajt noħroġ jiena imma it would be hard bit-tfal tipo biex noħroġ mill-gallarija per eżempju għax aħna noqgħodu quite low so nistgħu noħorġu minn hemm imma għandi t-tfal żgħar u mhux ħa noħroġhom minn hemm.* Mill-ġdid mistoqsija *inti kont għedtilna li qabdek minn għonqok, x kien għamel? Dak il-ħin il-Pulizija kienu ġew jew kienu għadhom ma ġewx?* Ashley Camilleri wieġbet *kienu għadhom ma ġewx, kienu għadhom ġejjin.* Mistoqsija xġ'ara dak il-ħin, wieġbet *kont qed nipprova noħroġ minn dik is-sitwazzjoni u kien hemm it-tifla ħdejja.* Mistoqsija rnexxilhiex hija wieġbet li le, imma eventwalment meta ġew il-Pulizija ħarġet 'l barra minn hemm.

Mistoqsija dwar ir-relazzjoni tagħha dak iż-żmien ma 'l-imputat, Ashley Camilleri wieġbet illi dak iż-żmien huma kienu flimkien. Mistoqsija wkoll x'responsabilitajiet kellu l-imputat versu it-tfal tagħha u jekk kienx hemm okkazjonijiet li kienet tħallihom miegħu, wieġbet *kien jgħini b omissis, kien jgħix miegħi u kien jgħini kemm b omissis u kemm b omissis, bit-tnejn li huma. ... kont nafda u dejjem allright kienu miegħu.* Mistoqsija qattx kellha problemi ma 'l-imputat fir-rigward tat-tfal, Ashley Camilleri wieġbet *le qatt ma kien hemm inċidenti, kieku mhux ħa nħalli t-tfal f dik is-sitwazzjoni, anzi they got along very well miegħu.*

In kontro-eżami Ashley Camilleri żiedet tgħid illi *naħfirlu* (lill-imputat) *talli ġara, it was a one time thing, jiena u hu ma ħa nkunu flimkien u mhux ħa jiġi jgħix miegħi so as far as jiena u t-tfal naf li ħa nkunu safe. Inħoss li serva biżżejjed żmien, I mean it s up to you imma speċi hekk naħseb jiena, jiena naħfirlu imbagħad it s up to you biex taraw xġ'ara u x ma ġarax. Din kienet l-ewwel darba hux li qatt mess lili u kien hemm inċident mat-tfal so mhux xi ħaġa recurring, it was a one time thing u mhux ħa terġa tiġri għax mhux ħa jkun hemm relazzjoni bejnietna u hu mat-tfal tiegħi.* Għall-mistoqsija tal-Qorti *jiġifieri biex niftehmu, inti għal dak li ġara taħfirlu għax kien inċident uniku però qed tagħmilha ċara li mbagħad kuntatti miegħu iktar ma tridx?* Wieġbet *eżatt.*

- **Omissis**[50] illi ukoll xehdet illi dakinar ta 'l-allegat inċident hi, flimkien ma 'ommha u ħutha, u l-imputat, kienu għadhom kemm waslu fir-residenza tagħhom wara li kienu marru BBQ għand in-nanna tagħha. Ikkonfermat ukoll li hi u ommha marru għand il-ġar tagħhom biex tiġbor xi affarijiet mingħandu. Meta rritornaw id-dar semgħu lil ħutha s-subien jibku iżda peress illi ġieli kienu jibku ma tatx wisq każ u marret fil-kamra tas-sodda tagħha minn fejn f'daqqa waħda bdiet tismaħ 'afna għajjat bejn ommha Ashley u l-imputat. Mistoqsija għaliex inqala 'l-għajjat wieġbet li omissis kellu ħafna tbenġil u peress li kien ma 'l-imputat ommha ssuspettat li kien l-imputat li sawtu u fil-fatt omissis qal li kien l-imputat li sawwat lil omissis. Mistoqsija wkoll dwar xi argument preċedenti li seta 'kien hemm bejn ommha u l-imputat, omissis wieġbet *yes, when we were at the bar-b-que our family friend was talking to my mother and since there were lot of people they went in the bathroom and I was there with them for the majority of the time. I went in just two minutes later to talk to them and Saviour thought something of this person, when my mum sees this person as a father and he got pissed off for nothing.* Mistoqsija jekk l-imputat kienx xorob dakinhar, omissis wieġbet illi huwa xorob xi birrer. Mistoqsija dwar x'rat fuq omissis, wieġbet *he had a*

[50] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2018, fol. 89 sa' 98 tal-proċess. Traduzzjoni bil-Malti tax-xhieda mogħtija minn omissis tinsab esebita a fol. 259 sa' 268 tal-proċess.

*bump on the forehead, bruises on the stomach and on the back and on the shoulder. When he was taken to hospital with the scans he also had a bump on the back of his head.* Mistoqsija dwar dak li ġara lil ommha, omissis wieġbet *he grabbed her from the neck and he like bashed her against the wall, so she had an injury on the bridge of her nose, she had a cut and she was bleeding a lot, she had a bruised eye as well but I m not sure which side but it was completely bruised, puffed up and purple.* Omissis iddikjarat li hi u ħuha omissis ma kienux ġew imweġġa fiżikament f'dan l-allegat inċident.

Mistoqsija dwar xġ'ara meta ġew il-Pulizija, omissis wieġbet *while Saviour was holding a knife and holding the door so the Police won t come in, they broke the door open obviously because Saviour had a knife and I don t know what happened after they broke in because the Police came to stop Saviour and I went back in my room to check on my brothers, to check up what s going on with omissis and omissis. All I know is that they were tasering him at one point as I heard the tasering but I don't know after then because we left the apartment and went to my friend's house to leave the chaos that was going on.* Mistoqsija dwar is-sikkina li l-imputat kellu f'idu, omissis stqarret illi *he grabbed a kitchen knfie. … he was holding it firm, he was not really using it, he was using it not like a weapon, he didn't use on anybody but he was just holding. … he did point it a somebody at one point because my friend had arrived from work and heard screaming coming out from the apartment so he came to check what was going on and he did point it at him and say to get out of his house and my friend was backed off away.* Mistoqsija mill-Qorti jekk l-imputat użax din is-sikkina fuq xi ħadd, omissis wieġbet *no the knife wasn't used.*

In kontro-eżami omissis ikkonfermat li kemm ommha kif ukoll l-imputat ikkunsmaw xorb alkoħoliku waqt il-BBQ għand nannitha. Qalet ukoll illi ommha illum m tabbużax minn sustanzi u filwaqt li taf li l-imputat kellu problemi bl-abbuż ta' sustanzi, ma setgħetx tgħid jekk waqt dan il-BBQ huwa kienx għamel użu minn tali sustanzi. Mistoqsija mill-ġdid dwar ħuha omissis, omissis stqarret illi *I didn't see the bruising immediately, I just heard them crying and then I went into my room, it was my mum that saw it obviously but what omissis was saying, because we weren't there when all this bruising happened, but during the bar-b-que omissis didn't have anything for sure and it was omissis who was telling us what happened and obviously omissis who was explaining also what happened.*

- **Omissis**[51] illi xehed li dakinhar ta' l-allegat inċident, huma kienu qegħdin għand innanna tiegħu għal BBQ. Meta waslu lura d-dar, waqt li ommu u oħtu kienu qegħdin għand il-ġar tagħhom, l-imputat sawwat lil omissis. Qal ukoll li meta ommu u oħtu ġew lura fid-dar, l-imputat qabad sikkina, imbotta lil ommu u laqtilha imnieħirha. Iddikjara wkoll li meta ġew il-Pulizija hu, ommu u ħutu marru għand il-ġar tagħhom. Omissis stqarr ukoll illi dakinhar l-imputat lilu ma sawtux. Qal ukoll li kien hemm okkazzjonijiet preċedenti meta ommu kienet ħalliet lilu u lil ħuħ ma' l-imputat.
- **Omissis**[52] illi ma tantx offra wisq informazzjoni fuq dak li ġara dakinhar ta' l-inċident. In effetti huwa ma weġibx verbalment għall-mistoqsijiet li sarulu u meta mistoqsi jekk jiftakarx x'ġara dakinhar, xengel rasu biex jindika li ma jiftakarx u mistoqsi kienx qed iħoss uġiegħ ma weġibx. Muri l-imputat, omissis nħeba wara ommu u mistoqsi jekk l-imputat qattx refa' idejh fuqu, b'mossa b'rasu wieġeb iva.

[51] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2018, fol. 99 sa' 101 tal-proċess.
[52] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2018, fol. 87 u 88 tal-proċess.

- **Dr. Sarah Bezzina**[53] illi xehdet illi kienet it-Tabiba ta' l-Emerġenza li invistat kemm lil Ashley Camilleri kif ukoll li omissis. Hija ddikjarat li *l-iktar li kellu injuries kien it-tifel, kellu ħafna tbenġil u grif, bażikament ma' ġismu kollu, l-iżjed fuq il-wiċċ, fuq sidru u fuq dahru u kellu wkoll xi ħaġa fuq idu u fuq saqajh ukoll. … Ashley kellha girfa fuq imnieħerha u kellha wkoll xi tbenġil fuq spallejha. Lil Ashley kont għamiltilha CT Scan ukoll tar-ras kif ukoll tal-wiċċ biex nara jekk kienx hemm ksur imma fil-każ tagħha ma kienx hemm. … x'ħin eżaminajtha jiena ma kienx hemm indikazzjoni ta' ksur. … Fit-tifel le* (ossia ma kienx hemm ksur) *għax fil-ħin li eżaminajtu jiena ma kienx hemm suspetti imma lit-tifel żammejnieh l-isptar għal aktar osservazzjoni biex jekk ovvjament jinqala' xi ħaġa jkunu jistgħu jinvestigawh fis-sala*. Murija żewġ ċertifikati Dok. "JG5" u Dok. "JG6" a fol. 49 u 50 tal-proċess, Dr. Sarah Bezzina kkonfermat li dawk huma ċ-ċertifikati li hija kienet ħarġet fir-rigward tal-ġrieħi riskontrati fuq Ashley Camilleri u omissis, minn liema jirriżulta li fir-rigward tagħhom it-tnejn il-ġrieħi ġew ikklassifikati bħala *slight (save complications)*. Dr. Bezzina kkonfermat ukoll li dakinhar li Ashley Camilleri u omissis kienu qed jiġu invistati minnha, is-Surġent 343 Glen Carabott kien ħa ritratti tal-ġrieħi ta' omissis u kkonfermat li dawn huma r-ritratti esebiti bħala Dok. "GV1" sa' Dok. "GV6" a fol. 75 tal-proċess.

- **Dr. Mario Scerri**[54], illi ġie nominat bħala Espert Mediku b'Digriet datat 4 ta' Ottubru 2018[55] sabiex jeżamina r-ritratti esebiti bħala Dok. "GV1" sa' Dok. "GV6" għall-fini li jistabilixxi l-kawża tal-ġrieħi u tbenġil sofferti minn omissis, xehed illi wara li eżamina l-imsemmija ritratti huwa kkonstata s-segwenti - *ir-ritratt GV1 fejn fih dan jidher tifel, l-aspett posterjuri ta' l-għonq, għandu żewġ tbenġiliet vjola allura friski jiġifieri r-ritratti ttieħdu ftit tal-ħin wara li ġew subiti, żewġ tbenġiliet kontra xulxin fejn dawk huma typical pinch marks, għafsa tal-muskoli tal-occipital fibres tat-trapezius minn wara. Imbagħad għandha GV2. GV2 għandek tbenġila fuq l-aspett laterali tal-parti ta' fuq, proximal one half, tad-driegħ tal-lemin. Din id-dbenġila hija vjola u allura ma kinitx ilha li saret u kompatibbli ma' grip mark. Għaliex grip mark? Għaliex imbagħad għandha ritratt GV3 fejn fost leżjonijiet oħrajn għandek dbenġila fuq l-apsett posterjuri ta' l-istess driegħ fejn dik tkun l-opposing lesion u huwa kompatibbli ma' grip mark - għafsa, għandek id-dbenġila ta' quddiem u għandek id-denġila ta' l-opposing thumb fuq l-aspett laterali.* Mistoqsi jekk id-denġil li jidhru fuq ir-ritratti sarux kollha fl-istess żmien, l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri wieġeb li *l-istess kuluri għandhom għaliex bruises go through phases of healing. Dbenġila vjola tagħti fl-aħmar tkun friska, imbagħad wara jumejn tibda ssirlek ħadranija. Dawn kienu għahom friski għaliex kienu għadhom vjola. … Iva fl-istess żmien kollha. … Peress li hemm dbenġila fuq l-aspett posterjuri wkoll, dik hija grip mark. Issa imbagħad ir-ritratt numru GV3 nistgħu nieħduh ma' GV5 l-istess fejn dak juri dbenġila estensiva fuq l-iscapular region tal-lemin li testendi għal fuq l-aspett posterjuri tal-parti ta' fuq tad-dreigħ tal-lemin. Fiha hemm xi abbrażjonijiet u dik hija kompatibbli ma' blunt trauma. Imbagħad għandha ritratt GV2 ukoll fejn għandu dbenġila fuq iz-zygoma tal-lemin kompatibbli ma' blunt trauma. Din nistgħu narawha wkoll fuq GV4 illi tidher illi għandu dbenġila kompatibbli ma' blunt trauma. Imbagħad għandu haematoma jiġifieri gundalla illi s-surface tagħha huwa vjola akkumpanjata minn dbeġila ta' kulur vjola kompatibbli ma' blunt trauma. Dawn il-leżjonijiet kollha f'daqqa jindikaw illi dan it-tifel ġie imsawwat.*

---

[53] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2018, fol. 102 sa' 105 tal-proċess.
[54] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2018, fol, 226 u 227 tal-proċess.
[55] A tergo ta' fol. 164 tal-proċess.

Dak dikjarat mill-Espert Mediku Dr. Mario Scerri fix-xhieda li ta tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, jirriżulta wkoll mir-Relazzjoni tiegħu a fol. 228 sa' 237 tal-proċess.

- **Dr. Veronica Ellul Federici**, illi ġiet nominata bħala Espert Psikologa b'Digriet datat 4 ta' Ottubru 2018 sabiex teżamina lil omissis, lil omissis u li omissis għall-fini li tiddetermina jekk humiex xhieda kompetenti biex jagħtu x-xhieda tagħhom f'dawn il-proċeduri u għall-fini li tħejji rapport dwar ir-relazzjoni ta' omissis u ta' omissis ma' l-imputat, xehdet illi *mill-analiżi tiegħi jiena kkonkludejt illi l-minuri omissis hija xhud kompetenti, omissis huwa xhud kompetenti wkoll u jidher milli qalli hu li kellu relazzjoni pjuttost tajba mas-Sur Cachia qabel ma ġara l-allegat inċident. Filwaqt li t-tifel iż-żgħir … ma jistax jitqies bħala xhud kompetenti minħabba l-limitazzjonijiet ta' kemm il-lingwaġġ espressiv tiegħu kif ukoll il-lingwaġġ riċettiv. Jidher però milli qalli li ma setax jispjegali eżatt ir-relazzjoni li kellu mas-Sur Cachia però fl-intervista qalli li ma jħobbux minħabba l-fatt li allega illi kien weġġgħu.*

  Dak dikjarat mill-Espert Psikologa Dr. Veronica Ellul Federici fix-xhieda li tat tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, jirriżulta wkoll mir-Relazzjoni tagħha markata Dok. "VE" a fol. 286 sa' 296 tal-proċess.

- **Leonard Junior Bruno**[56] illi xehed li bejn it-8 u d-9 ta' Lulju 2018, għall-ħabta ta' nofs il-lejl, huwa kien qed jirritorna lura fir-residenza tiegħu wara x-xogħol u hu u tiela' sema' ħafna għajjat u twerżieq u għaraf il-vuċijiet ta' l-imputat u ta' Ashley Camilleri. Iktar meta beda jitla' l-fuq iktar beda jiżdied l-istorbju, it-tisbit u t-tkissir. Dak il-ħin huwa reġa' niżel 'l isfel, qabaż fil-gallarija tar-residenza ta' Ashley Camilleri u x'ħin ittawwal il-ġewwa seta' jara lit-tfal ġol-kamra tas-sodda mwerwrin. Leonard Junior Bruno effettivament daħal fir-residenza mill-gallarija u xehed illi *I went inside the bedroom and the kids were quite shocked and shaky and I told them what was going on and they told me "Saviour, that monster" whatever, whatever. I went inside to see inside the living room and I saw Saviour holding the door with a knife in his hands … I looked at him and he looked at me, I walked away as I was in shock. There was Ashley and she had blood on her nose, her face was quite swollen. The door kept banging and banging and he was screaming "you are not coming in, get out of my house". … I assumed that it was the Police but I wasn't certain to be honest with you. They were banging really heavily on the door, I went back into the bedroom to calm near the children because they were crying and stuff, the noise got worse into the living room, I went into the living room again and he was still there, there was a big bang and the Police came inside and got him to the floor. I believe they tasered him, the knife fell, they pushed him into the corner between the fridge and the wall, he kept resisting and then I went back into the bedroom, I mean I did not get involved in that. … I saw the Police entering the apartment, they kicked the door in and they broke the lock. They pushed him down on the ground, tasered him, held him down and he kept resisting. I walked away and went back to the bedroom as I didn't want to get involved in that. As soon as I saw the Police I walked into the bedroom again near the children, I heard the sound, I believe they tased him twice, I heard the taser again and went back into the living room and he was shouting someone's name, where is someone's name, a Police I assume. … He was screaming someone's name and they were holding him down and then I went back into the bedroom to calm the kids down and tell them that the Police are here, don't worry it's ok calm down and so on and so forth. Then the Police came inside the bedroom and I told them that the kids are here and we walked outside and went up to my apartment and they got treated there.*

[56] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Awwissu 2018, fol. 126 sa' a tergo ta' fol. 130 tal-proċess. Traduzzjoni bil-Malti tax-xhieda mogħtija minn Leonard Junior Bruno tinsab esebita a fol. 248 sa' 258 tal-proċess.

Mistoqsi dwar l-istat li deher fih l-imputat, Leonard Junior Bruno wieġeb *he looked very sweaty, he looked disoriented, I've never seen anyone in such a state to be honest. … I've known the family, I haven't known him personally. I have known the family for a few months prior to this happening I've hung out at their house and they've hung out at my house and I've never seen him in such a state.*

Mistoqsi jekk xi ħadd mit-tfal, ossia minn omissis, omissis jew omissis kienx imweġġa, Leonard Junior Bruno wieġeb li *omissis the youngest one had his face quite swollen, something on his ear was quite marked and apart from that not much and nothing really else.* In kontro-eżami Leonard Junior Bruno kkonferma li meta l-bieb ta' l-appartament infaqa' l-ġewwa, daħlu l-Pulizija, madwar ħames jew sitt Pulizija, illi niżżlu lill-imputat ma' l-art li dak il-ħin kien għadu qed jgħajjat ħafna u jirreżistihom. Iddikjara wkoll li sema' lill-Pulizija jużaw it-taser darbtejn.

- **Susan Camilleri**[57], illi tiġi omm Ashley Camilleri u n-nanna ta' omissis, omissis u omissis, illi xehdet li dakinhar tat-8 ta' Lulju 2018 kellha BBQ id-dar tagħha u kellha mistiedna lil bintha Ashley flimkien mat-tfal tagħha u l-imputat, bintha l-oħra Summer Camilleri u ħabiba tagħha, lill-ħabiba tagħha mill-Awstralja Rose Zerafa, lill-partner tagħha kif ukoll ħabib tal-familja Tano Falzon li pratikament qisu missier għal uliedha daqs kemm ilhom jafuh. Xehdet illi dakinhar l-imputat kien jidher ikkakkmat ma' bintha Ashley u jsegwiha kull fejn tmur, tant illi hija, ossia Susan Camilleri, bdiet tiddejjaq bl-atteġġjament tiegħu u kienet qed tidher qed tiddejjaq Ashley ukoll. L-imputat kien qed jgħir għall-fatt li Ashley kienet qed titkellem ma' dan il-ħabib tal-familja Tano Falzon u anke kien għamillu xi mossi. Xehdet illi l-imputat, bħall-mistednin l-oħra kollha, kien xorob xorb alkoħoliku waqt il-BBQ u għaliha kien *jidher li kien qisu rrabbjat imma m'għamilx affarijiet li beda jgħajjat fil-barbecue u affarijiet hekk imma jidher li kien qisu ħa jisplodi. Għalija jidher illi kellu r-rabja fih imma m'għamel xejn. Waqt li kien ġo dari m'għamel xejn f'dak is-sens.* Fir-rigward tat-tfal, Susan Camilleri ddikjarat li dakinhar kienu qagħdu bil-għaqal ħafna, jew bilqiegħda mal-mejda jew jilgħabu maz-zija tagħhom. Mistoqsija jekk omissis kienx jidher li kellu xi ħaġa, hija wieġbet illi le u li waqt il-BBQ la hu u lanqas omissis ma kellhom xejn u lanqas kienu waqgħu. In kontro-eżami saħqet illi *it-tfal bil-ħwejjeġ, bis-shorts u biż-żraben kienu. Dawn ma kellhomx daqqiet fuqhom sakemm kienu fid-dar tiegħi. Xejn ma kellhom, la waqgħu u xejn.*
- **Dr. Marisa Cassar**[58], li ġiet nominata bħala Espert tad-DNA b'Digriet datat 4 ta' Ottubru 2018, sabiex teżamina s-sikkina esebita bħala Dok. "GV8" u tagħmel analiżi tad-demm fuq l-istess sikkina b'komparazzjoni ma' kampjuni meħuda mill-perunsi involuti f'dan il-każ u tiddetermina jekk id-demm fuq is-sikkina huwiex ta' persuna jew iktar involuti f'dan il-każ, ippreżentat ir-Relazzjoni tagħha markata Dok. "MC" a fol. 271 sa' 275 tal-proċess, fejn wara li eżaminat u analizzat is-sikkina in kwistjoni, ikkonkludiet illi *mill-kampjun li ttieħed mix-xafra (S1) ħareġ profil ġenetiku ta' raġel. Mill-kampjun li ttieħed mill-manku (S2) tas-sikkina ma ħareġ l-ebda profil ġenetiku.* Il-komparazzjoni ta' dan id-DNA mad-DNA tal-persuni involuti f'dan il-każ ma saritx in kwantu din il-parti ta' l-inkariku ġiet revokata bi qbil bejn l-Avukat Ġenerali, il-Prosekuzzjoni u d-Difiża[59].

F'dawn il-proċeduri xehdu wkoll is-segwenti xhieda:

---

[57] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Awwissu 2018, fol. 131 sa' a tergo ta' fol. 133 tal-proċess.
[58] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Diċembru 2018, fol. 269 u 270 tal-proċess.
[59] Vide verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2019, fol. 301 tal-proċess.

• **PC312 Joseph Sultana**[60] illi xehed li fid-9 ta' Lulju 2018, meta huwa kien xogħol ta' bil-lejl ġewwa l-Għassa tal-Qawra, ġie nfurmat mis-Surġent 343 Glen Carabott li kien hemm persuna maskili qed thedded persuna femminili u xi tfal ġewwa blokk ta' appartamenti, senjatament fi Block B, Flat 3, Triq il-Parroċċa, San Pawl il-Baħar. Kif waslu fuq il-post setgħu jisimgħu ħafna għajjat u kif daħlu fil-blokka semgħu raġel jidgħi u mara tgħajjat. Hekk kif ħabbtu l-bieb, fetħilhom raġel b'żaqqu barra u b'sikkina mdaqssa f'idu. Kif ordnawlu jneħħi s-sikkina minn idu, dan ir-raġel għalqilhom il-bieb f'salt u l-persuna femminili bdiet tgħajjat għall-għajjut u biex jifqgħu l-bieb għaliex kienet fil-periklu. Il-Pulizija feħtu l-bieb u, hekk kif xehed PC312 Joseph Sultanta *dak il-ħin insibu lil Saviour jippuntalna s-sikkina wara l-bieb u reġa' għalqilna l-bieb f'salt. Dak il-ħin aħna ppruvajna nimbuttawh, iżda kull darba insibuh wara l-bieb bis-sikkina f'idejh. F'ħin minnhom jinfetaħ il-bieb u dak il-ħin jiena sparajtlu t-taser iżda x'ħin ra t-taser ippuntat lejh, reġa' għalqilna il-bieb f'salt. Dak il-ħin ġiet l-għajnuna ta' żewġ membri ta' l-RIU u komplejna nissieltu mal-bieb iżda hu kull darba baqa' jżommilna l-bieb. F'ħin minnhom dehret idu ħierġa minn wara l-bieb għalina u kien hemm kollega minn tiegħi li kien pront b'lembuba tajjarhielu minn idejh u kif rajna li ma kienx hemm periklu għalina għax is-sikkina kienet ma' l-art, aħna mbuttajna l-bieb kollha f'daqqa u dħalna fuqu. Huwa beda jirreżisti l-arrest u joffendina iżda wżajna l-forza minima u rnexxielna nimmanettjawh. Minn ġewwa stajt ninnota li kien hemm id-demm mal-ħitan u tkissir kullimkien u hu ġie eskortat 'l barra mas-Surġent sa' x'ħin il-vittma u ż-żewġt itfal telqu bl-ambulanza l-Mater Dei. Morna l-Għassa l-Qawra u waqt li Saviour kien ġoċ-ċella, huwa beda jissabbat ġoċ-ċella kemm jiflaħ. Jiena għandi recording qiegħed hawn u minn hemm u fuqu għandi żewġ recordings oħra.*

PC312 Joseph Sultana xehed ulterjorment illi l-imputat kien f'kundizzjoni eċitata u beda jidgħi u joffendi lill-Pulizija. Huwa ġie eskortat lejn l-Isptar Mater Dei u waqt li kien fil-karozza tal-Pulizija kompla jidgħi u joffendihom, kemm lilhom kif ukoll Pulizija li ma kienux preżenti dak il-ħin. F'ħin minnhom l-imputat kien anke ta' periklu għas-Surġent li kien qed isuq il-vettura, tant illi PC312 Joseph Sultana ordnalu biex jżomm lura u l-imputat dak il-ħin beda jinstigah biex isawtu. Kif waslu l-Isptar Mater Dei l-imputat ġie skortat ġewwa mill-Pulizija ta' l-RIU u PC312 Joseph Sultana u s-Surġent marru biex ikellmu lill-vittmi. Kif irritornaw lura ħdejn l-imputat, it-Tabib li kien qed jinvistah infurmahom li l-imputat kien irrifjuta il-kura medika. PC312 Joseph Sultana ddikjara li l-imputat ma obdiex l-ordnijiet tal-Pulizija u rreżistihom f'kull mument u *huwa beda joffendina l-ħin kollu u b'ommna, kull dagħwa qawwija, jgħajjat magħna u anke jinsulentana. ... Saviour kien jidher li mhux fi stat tajjeb, kien qisu dimonju, ma stajniex nikkontrollawh, x'ħin nordnawlu jħarsilna bl-ikrah u joffendina u ma stajniex nikkontrollawh. Konna erba' Pulizija li dħalna fuqu fuq il-post fejn aktar tard anki ġew aktar membri u ma stajniex nikkontrollawh.*

Fir-rigward ta' ġrieħi fuq l-allegati vittmi, PC312 Joseph Sultana ddikjara li Ashley Camilleri kellna d-demm fuq imneħirha u kellha d-demm ma wiċċha. Għalkemm skontu t-tfal kienu imweġġgħin ukoll, ma setgħax jgħid eżatt fiex kienu jikkonsistu dawn il-ġrieħi.

Ir-recordings imsemmija mix-xhud ġew esebiti u markati Dok. "JG9" a fol. 55 tal-proċess.

[60] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Awwissu 2018, fol. 69 sa' 72 tal-proċess.

- **PS343 Glen Carabott**[61] illi xehed illi dakinhar tad-9 ta' Lulju 2018 għall-ħabta ta' nofs il-lejl, ġew infurmati mill-Control Room li mara kienet qed tiġi msawta fi blokka ta' appartamenti. Peress li kienu viċin tal-blokka in kwistjoni hu u PC312 marru fuq il-post u kif waslu, minn barra setgħu jisimgħu ħafna għajjat. PS343 iddikjara li *tlajna fuq niġru u ħabbatna l-bieb u fetaħ wieħed raġel Saviour Cachia li qed narah fl-Awla u kellu sikkina kbira f'idejh. Ħriġna t-taser u għidnilu jneħħiha minn idejh u f'daqqa waħda sabtilna l-bieb f'wiċċna. Kif sabbat il-bieb nisimgħu lis-sinjura li kienet ġewwa tgħajjat "ifqgħu l-bieb, ifqgħu l-bieb", fqajna l-bieb ġewwa u beda jibbuttana lura bil-bieb b'daharu jew b'sidru biex jingħalaq. X'ħin bdejna nerġgħu nippruvaw nifthu l-bieb, beda joħroġ idejh bis-sikkina minn dik il-gap li kien hemm il-bieb miftuħ u jxejjirha lura. Kif rajt hekk konna jiena u Pulizija biss ieħor, ċempilna lill-Control biex jibgħatulna l-assistenza. Ġiet unit oħra oħra ta' l-RIU, telgħu ħdejna u minn hemm u minn hawn fetaħ il-bieb ftit aktar u sparajna t-taser fejn ma ġiex milqut. F'ħin minnhom x'ħin tajna s-salt għal fuq idejh, irnexxielna nagħtu daqqa fuq idejh, waqqajnilu s-sikkina u dħalna għalih. Kien għarqan xraba, kien vjolenti immens u ma stajniex innizzluh għax ovvjament beda jiżloq. Kellna nużaw is-saħħa li kien hemm bżonn fejn anki ntuża it-taser, immannetjajniex u niżżilnieh isfel u ġie eskortat l-Għassa l-Qawra. X'ħin kien ġoċ-ċella, suppost hemm video esebit, beda jaqbez Fuq is-saqqu u minn mindud beda jaqbeż m'għola metru u din qatt ma rajt bħala. Ħadnieh il-polyclinic u ħadnieh l-Isptar u fl-aħħar il-lock up. Aħna u sejrin mill-Għassa l-Qawra għall-Isptar weħilna ma' rasu u jiena qabbadt lill-Pulizija biex jirrekordjah. Ħafna theddid u jgħidilna " ma kellkomx warrant biex tifqgħu l-bieb" u affarijiet hekk li dawn ġew esebiti wkoll suppost. Imbagħad kif morna l-Isptar ħallejt lill-Pulizija ta' l-RIU miegħu u jiena mort nara x'injuries kellhom it-tfal, tifel minnhom speċjalment u ħadtlu r-ritratt.* Għalkemm PS343 Glen Carabott ma setgħax jiftakar x'jismu dan it-tifel, huwa identifikah bħala t-tifel ż-żgħir ta' madwar tlett jew erba' snin. Dwar il-ġrieħi li kellhom huwa qal li t-tifel kellu daqqa f'wiċċu u daqqa f'daharu u Ashley Camilleri kellha daqqa fuq imneħirha u shock qawwi. Dejjem fir-rigward ta' l-imputat is-Surġent Carabott iddikjara li dan *beda jgħid "fejn hu dak il-liba Spettur, xi dritt kellkom tifqugħli l-bieb, issa tagħmlux affidavit itilgħu ixhdu il-Qorti ħa taraw kif ħa ngħallikom" affarijiet hekk triq sħiħa jiġifieri mill-Qawra, għandi żewġ recordings ta' kważi twenty minutes. ... X'ħin wasalna l-Isptar jien ħallejtu mal-Pulizija ta' l-RIU, mort nara lit-tifel kien qiegħed fic-Childrens' Ward, qagħadt nilgħab naqra miegħu, taf inti tfal għandi jiena jiġifieri. Erġajt mort u dan kien kalm mindud, iparla naqra fil-vojt imma kif kien fil-bidu sa' l-isptar. ... Ikkalma, xorta baqa' bil-paroli imma mhux bħal ma kien qabel.* Xehed ukoll illi s-sikkina li l-imputat kellu f'idu ġiet elevata minnu u in segwitu għaddiha lill-Ispettur.

  In kontro-eżami is-Surġent Carabott ikkonferma li l-imputat qal li huwa jsofri minn kundizzjoni tal-bi-polar disorder iżda ddikjara wkoll li meta kienu rinfaċċjati b'rapport li raġel kien qed isawwat mara u meta waslu fuq il-post sabu raġel b'sikkina f'idejh, huma bħala Pulizija dak il-ħin ma setgħux jidħlu fil-mertu għax għandu kondizzjoni.

- **PC83 Wayne Bonello**[62], uffiċjal ta' l-RIU, illi pratikament ikkonferma dak kollu li qalu PC312 Joseph Sultana u PS343 Glenn Carabott u qal ukoll illi meta l-imputat beda jiftaħ kemm kemm il-bieb, huwa kien joħroġ idu minn ġewwa bis-sikkina f'idu u meta fl-aħħar irnexxielhom jidħlu, l-imputat ma riedx joqgħod għall-ordnijiet tagħhom. Xehed ukoll illi meta daħlu ġewwa ra lil Ashley Camilleri li kellha naqra demm fuq wiċċha. Fir-rigward tat-tfal ma seta' jgħid xejn għax ma rahomx. Ikkonferma wkoll li

[61] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Awwissu 2018, fol. 112 sa' a tergo ta' fol. 115 tal-proċess.
[62] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Awwissu 2018, fol. 116 sa' 121 tal-proċess.

sakemm l-imputat ġie skortat l-Għassa tal-Qawra, huwa kien agressiv u l-ħin kollu jgħajjat. Fir-rigward tal-ħin ta' l-arrest PC83 Wayne Bonello xehed illi *aħna u nagħmlu l-arrest, jiġbed b'idejh 'il quddiem u lura biex ma nkunux nistgħu nagħmlulu l-manetti u anki biex niżżilnieh ma' l-art battikata tana, ippruvajna nqiegħduh f'posizzjoni biex inkunu nistgħu nqiegħdulu l-manetti, beda jissikka u jimbotta u jagħti u ma nafx kemm qaleb affarijiet hu stess b'saqajh u b'idejh jiġifieri kien aggressiv magħna.* In kontro-eżami kkonferma li waqt l-arrest l-imputat kien aggressiv u kien qed jirreżisti l-arrest u spjega wkoll li *t-taser ġie sparat l-ewwel darba minn naħa tad-distrett imma ma ħax se u ma ntlaqatx. It-tieni darba ntuża meta aħna dħalna u baqa' jirreżisti biex narrestawh, jiġifieri darbtejn, darba minn naħa tad-distrett u darba minn naħa tagħna.*

- **PC956 Justin Buhagiar**[63], uffiċjal ieħor ta' l-RIU, ukoll ikkonferma dak kollu li qalu l-uffiċjal l-oħra tal-Pulizija li xehdu qablu. In effetti ddikjara li meta rrikorrew fuq il-post, ossia fil-blokk ta' appartamenti fejn kienu residenti dak iż-żmien l-imputat u Ashley Camilleri u uliedha, *ma stajniex nidħlu għax hu beda jżommu minn ġewwa, bdejna nimbuttaw il-bieb u hu beda jżommu minn wara u ma stajniex nifthuh il-bieb u hu beda joħroġ idejh bis-sikkina. Is-sikkina ħariġha diversi drabi u kif ħarigha tajnieh daqqa ta' torch fuq is-sikkina u nbeżqet u ma ġietx lejna imma marret ġewwa. Kif rajna hekk irnexxielna nifthu l-bieb. Ta' min jgħid li meta kellu s-sikkina għedtlu diversi drabi biex ineħħiha s-sikkina minn idejh iżda ma neħħihiex. ... Minn hemmhekk ordnajnilu sabiex jinżel ma' l-art sabiex narrestawh u hu beda jirreżisti ħafna l-arrest u kien qed ikun vjolenti ħafna magħna u kien għalhekk li ntuża t-taser. It-taser intuża bħala stun jiġifieri ma sparajniehx, neħħejnilu l-cartridge u wżajnieh bħala stun u minn hemm ġie kkontrollat, niżżilnieh fl-art u arrestajnieh.*

- **WPC 378 Kristy Sciberras**[64] illi xehdet illi dakinhar ta' bejn it-8 u d-9 ta' Lulju 2018 hija kienet duty night watch l-Għassa l-Qawra u għall-ħabta ta' nofs il-lejl daħlet telefonata mid-depot li kien hemm mara u żewġt itfal qed jiġu mhedda minn raġel b'sikkina. Infurmat lis-Surġent 343 Glen Carabott u lil PC312 Joseph Sultana biex imorru fuq il-post u ftit wara irrikorriet fuq il-post hi wkoll. Xehdet illi *dak il-ħin Saviour kien digà arrestat, kien hemm raġel li jismu Bjorn li qalli fejn qegħdin it-tfal u Ashley u mort fuq fil-flat fejn kienu. Kien hemm Ashley fuq is-sufan u ż-żewġt itfal, ippruvajt nitkellem ma' Ashley u Ashley qaltli li Saviour kien ta xebgħa u kellimni wkoll it-tfel omissis il-kbir fejn qalli li Saviour kien għadu kemm ta xebgħa lil ħuh omissis ġo rasu, ġo dahru u ġo żaqqu. ... Ashely kellha daqqa fuq rasha, oħra fuq daharha u xoffitha maqsuma u t-tifel kellu ġo daharu qisha ħa tibda tikħal. ... Imbagħad ċempilna lill-ambulanza, ġiet l-ambulanza, wassalthom sa' l-ambulanza u erġajt mort lura f'posti l-Għassa tal-Qawra.*

- **L-Ispettur Godwin Scerri**[65] kkonferma li d-dokument markat Dok. "JG8" a fol. 52 sa' 54 tal-proċess hija l-istqarrija rilaxxata mill-imputat, li ttieħdet fil-presenza tiegħu, għalkemm kien hemm xi ħinijiet x'ħin l-Ispettur Scerri ħareġ mill-kamra, ta' l-Ispettur Josef Gauci, ta' PS343 Glen Carabott u ta' l-Avukat Dr. Graziella Tanti li kienet qed tassisti lill-imputat. L-Ispettur Scerri ddikjara li *fl-aħħar ta' din l-istqarrija qisu taħ xi panic attack u beda jieħu n-nifsijiet qawwija fil-fatt imbagħad wara ftit kont jiena stess li ċempilt u ġiet ambulanza fuq il-post biex tikkurah. Jiġifieri l-istqarrija hekk intemmet minħabba li s-Sur Cachia talab għall-għajnuna medika. ... L-imputat ma ffirmax din l-istqarrija.*

---

[63] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Awwissu 2018, fol. 122 sa' a tergo ta' fol. 125 tal-proċess.
[64] Fol. 178a u 178b tal-proċess.
[65] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2018, fol. 179 u 180 tal-proċess.

- **L-Espert Tekniku John Sacco**, illi ġie nominat bħala Espert Tekniku b'Digriet datat 4 ta' Ottubru 2018 għall-fini li joħroġ stills mill-footage VID-20180709-WA0000 esebit bħala Dok. "JG9" kif ukoll għall-fini li jittraskrivi r-recordings VID-20180709-WA0009 u VID-20180709-WA0010, ukoll esebiti bħala Dok. "JG9", ippreżenta r-Relazzjoni tiegħu li tinsab esebita bħala Dok. "JS" a fol. 201 sa' 222 tal-proċess.

- **It-Tabib Dr. Valerio Vella Catalano**[66] illi b'referenza għad-dokument Dok. "JG4" a fol. 48 tal-proċess, xehed li kien ċertifikat maħruġ minnu dwar ġrieħi riskontrati fuq Saviour Cachia. Xehed illi *dan hu każ li rajt meta kont il-Polyclinic tal-Furjana meta kont xogħol ta' bil-lejl fit-tlieta u nofs ta' filgħodu u ġie ċertu Saviour Cachia minn San Pawl il-Baħar u sibt li kellu leżjonijiet u sofferenzi varji. Fosthom barxa fil-qurrija tar-ras, tbenġila ma' l-għajn tal-lemin, barxa man-naħa ta' wara ta' l-għonq, brix fin-naħa ta' wara tal-minkeb lemini u xellugi, ħmura u nefħa fil-polz lemini u xellugi, ukoll kellu barxa fuq in-naħa ta' l-irkoppa tal-lemin u barxa u wġiegħ fin-nofs tal-qasba tas-sieq il-leminija. In-natura tal-ġrieħi kienet ta' natura ħafifa sakemm ma jinqalgħux kumplikazzjonijiet.* **It-Tabib Dr. Ryan Camilleri**[67] xehed illi huwa kien invista lil Saviour Cachia ġewwa l-Emerġenza ta' l-Isptar Mater Dei. Muri d-dokument a fol. 51 tal-proċess markat Dok. "JG7", Dr. Camilleri ddikjara li dan Saviour Cachia kien involut f'xi ġlieda. Għalkemm ma setax jiftakar x'kienu l-ġrieħi li kellu relatati ma' din il-ġlieda, mid-dokument in kwistjoni jirriżulta li huwa ried li Cachia jissottometti ruħu għal xi investigazzjonijiet mediċi meħtieġa bħala rutina f'każijiet ta' din in-natura, iżda dan irrifjuta.

F'dawn il-proċeduri xehdu wkoll is-segwenti:

- **Il-Probation Officer Marianne Zammit**, inkarigata mit-tħejjija ta' Social Inquiry Report fil-konfront ta' l-imputat, illi esebit dan ir-rapport a fol. 318 sa' 340 tal-proċess, fejn fih ikkonkludiet illi: ***Fatturi identifikati*** *- Saviour Cachia hu akkużat b'każ ta' vjolenza u jirriżulta li dan mhuwiex l-ewwel każ ta' l-ikkonċernat. Mill-kuntest ta' dan ir-rapport, jidher li l-aktar punti predominanti li ħarġu huma dawk ta' l-abbuż tad-droga u l-alkoħol u l-impulsività qawwija tiegħu. Din l-impulsività qiegħda twassal biex Saviour ikun aggressiv b'detriment għal dawk ta' madwaru. Jidher li fil-passat, l-ikkonċernat kellu episodji ta' vjolenza fuq is-sieħba tiegħu, anke fuq Uffiċjali ta' l-Ordni. Saviour kellu problemi fi tfulitu fejn missieru kien ikun vjolenti miegħu u ma' ommu. Dan seta' b'xi mod ħalla impatt fuqu u fi żmien l-adolexxenza Saviour beda jabbuża mid-droga. Saviour għandu l-kundizzjoni ta' l-ADHD u jidher li kompliet aggravatlu s-sitwazzjoni. Ma' dan ukoll hemm id-djanjosi tal-Bipolar Mood Disorder. L-element vjolenti u impulsiv baqa' dejjem preżenti, anke meta kien hemm perijodi fejn Saviour seta' kien stabbli. Għaldaqstant, dan il-fattur jibqa' l-aktar predominanti u li qiegħed jiddomina ħajtu u lil ta' madwaru.* ***Pjan ta' Kura*** *- Għal dan il-għan ikun għaqli li Saviour Cachia jfittex li jsib element ta' stabbilità billi jindirizza l-problema ta' l-impulsività u l-aggressività amalgamata ma' l-abbuż tad-droga u x-xorb. Ordni ta' Trattament tista' tkun ta' benefiċċju għalih sabiex b'hekk ikompli jingħata għajnuna professjonali. Kif ukoll, min-naħa tiegħu Saviour għandu bżonn jieħu responsabilità ta' għemilu, sabiex ikun inqas ta' periklu għal dawk qrib tiegħu u għall-komunità ġenerali.*

  Fix-xhieda li tat waqt is-seduta ta' l-14 ta' Lulju 2020[68], il-Probation Officer Marianne Zammit iddikjarat li f'dawn l-aħħar żminijiet l-imputat stabilixxa ruħu u anke reġa' ingħaqad ma' l-ex-sieħba tiegħu Diane Pace, omm uliedu. Iddikjarat li meta l-imputat

[66] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Diċembru 2018, fol. 246 tal-proċess.
[67] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2019, fol. 302 sa' 306 tal-proċess.
[68] Fol. 364 sa' 366 tal-proċess.

ikun ma' Diane Pace u fi ħdan il-familja tiegħu, huwa jkun ferm iktar stabbli u għalkemm kien hemm perijodi meta l-imputat kien aggressiv u impulsiv, huwa issa jidher li qed jimmatura u dana billi *hu jbagħti minn ADHD u jista' jkun li peress li qed jikber mill-informazzjoni medika l-ADHD tibda tistabilixxi ruħha. Jiġifieri din il-mara ilha kważi ħmistax-il sena miegħu, għandu t-tfal minnha u dejjem toffrilu mument ta' stabbilità. Rigward drug intake jiena ma nistax ngħid għax mill-Uffiċċju għadna mhux qed nieħdu urine test. … l-iktar ħaġa predominanti fil-ħajja tiegħu hija d-droga, l-alkoħol u l-karattru impulsiv tiegħu. Saviour meta jkollu lil xi ħadd jagħmillu supervision u jagħtih dak is-support li għandu bżonn, kapaċi jagħmilha.* Il-Probation Officer iddikjarat ukoll li l-inkwiet tagħha fil-konfront ta' l-imputat huwa li *jagħmel perijodu jkun veru stabbli u ma tismax problemi minnu, imbagħad kif ikun hemm trigger emozzjonali jew xi problema, jerġa' jirrikorri għall-alkoħol jew għad-droga.*

Fix-xhieda ulterjuri li tat waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2020[69], il-Probation Officer Marianne Zammit, apparte li tenniet dak li kienet già ddikjarat f'seduti preċedenti ziedet tgħid illi *dak iż-żmien li kien ma' din il-persuna* (ossia ma' Ashley Camilleri) *kien stqarr miegħi li kien qed jabbuża mill-ħaxixa għax jekk m'għandu xejn jiġifieri mbagħad jitkellem ċar u tond imma meta tiġi biex nikkonfrontah għall-urine tests u jekk ikun ħa jgħidli mill-ewwel. Jiġifieri dik straight to the point jgħid. Imbagħad kien hemm dak il-perijodu meta kien vjolenti u kont ġejt maħtura biex nagħmel is-social inquiry report. Imbagħad qisu wara reġgħu nfirdu, kien hemm perijodu fejn ma kontx qed narah minħabba li konna dħalna bit-telework u minħabba s-sitwazzjoni però imbagħad kont infurmata li reġa' qiegħed ma' Diane u rajt ċertu stabbilità. Però jiena nibqa' dejjem ngħid li l-pedament li tatu Diane, is-support u l-imħabba ħa ngħid hekk jekk tippermettili ngħid, din għenitu ħafna u ma rajtha fl-ebda relazzjoni oħra u Saviour naħseb qed juri dik il-motivazzjoni llum minħabba s-support kontinwu li kienet ittih. Di fatti mhux ħa niddejjaq ngħid għax kien hemm mumenti fejn kont ngħid, imma din il-mara kif tibqa' tissapportjah, għaliex iffallili l-appuntamenti imma baqgħet għaddejja u llum għandu t-tfal ukoll jiġifieri hemm ir-responsabilità tagħhom. Issa naf li żżewġu jiġifieri hija ħaġa pożittiva wkoll li s-support baqa' dejjem kontinwu.*

- **Diane Pace**[70] illi fir-rigward ta' l-imputat iddikjarat li *qabel ma jiena u Saviour infridna, Saviour kien bniedem jaħdem u jistinka dejjem għall-familja. Meta nfridna jiena u hu żgarrajna naqra, il-partner actually li kellu kienet toqgħod tgħawwih, timlielu rasu, ixxewxu u affarijiet minn dawn biex dejjem jinholqu l-kompromessi bejni u bejnu. Kienet anki saħansitra tindaħal fuq ir-relazzjoni tagħna bejn it-tfal. Kien bniedem ħabrieki. Illum il-ġurnata Saviour reġa' stabilixxa ruħu, daħal perijodu ta' programm, qata' l-mistura, qata' l-pirmli kollha li kien jieħu u qata' wkoll il-problema tax-xorb u d-droga. Illum il-ġurnata Saviour qed jaħdem, ilu għal dawn l-erba' xhur clean minn kollox u huwa responsabbli ħafna. Jgħini kemm fl-affarijiet tad-dar u anki finanzjarjament, speċjalment fl-affarijiet tat-tfal tagħna wkoll. … Jiena nista' nitkellem kif Saviour kien jaġixxi mat-tfal ta' Ashley għax jiena hemmhekk kont nara u nisma' kollox. Filgħodu Saviour kien iqum u jippreparalhom l-affarijiet tal-lunch għall-iskola, jaħsilhom, jeħodhom hu personali għall-iskola, anki saħansitra jmur lura biex jiġborhom lura mill-iskola, jiġifieri skużawni imma jiena lil Saviour ma narahx li huwa bniedem li jittratta ħażin lit-tfal. Aħna għandna tliet itfal qatt ma għamlilhom xejn aħseb u ara lit-tfal barranin li ma humiex tiegħu.*

[69] Fol. 390 sa' 393 tal-proċess.
[70] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2020, fol. 354 sa' 357 tal-proċess.

Fir-rigward ta' l-allegat inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, Diane Pace iddikjarat li dakinhar hija kienet qiegħda fl-appartament tagħha, fl-istess blokk ta' l-appartament ta' Ashley Camilleri, u semagħthom deħlin minn barra. Skontha kien hemm il-kwiet sakemm daħlet Ashley u bdiet tgħajjat ma' l-imputat "x'għamiltlu lit-tifel?". Għalkemm huwa ċaħad li għamillu xi ħaġa, Ashley baqgħet tipprovokah u minn hemm beda, fi kliema stess, *l-chaos*. Qalet ukoll li meta ġew il-Pulizija kienet taf li Saviour kien se jirreaġixxi tant illi niżlet biex tikkalmah. Dak il-ħin hija rat lill-Pulizija qed jippruvaw jidħlu fl-appartament ta' Ashley Camilleri bl-imputat qed jimbotta l-bieb minn ġewwa. Iddikjarat li fl-aħħar mill-aħħar spiċċaw erbatax-il membru ta' l-RIU biex jarrestaw lill-imputat u li dan ġie msawwat minnhom u anke tawh ix-xokkijiet għad illi kien immannettjat.

- **Dr. Beppe Micallef Trigona**[71] illi xehed illi l-imputat daħal taħt il-kura tiegħu fl-Isptar Monte Carmeli f'Ġunju 2019, f'Lulju 2019 u f'Awwissu 2019. Dr. Micallef Trigona xehed ulterjorment illi *fit-2 ta' Ġunju tas-sena 2019, skond in-nota huwa ġie admitted l-isptar u kien qed juża' … il-cocaine u l-heroin u Saviour xtaq li jibda jieqaf mill-użu tiegħu tas-sustanzi biex jibda ħajja ġdida. Skond in-noti li kellna li probabilment rajna minn barra, Saviour kien ibati mill-bipolar disorder u l-ADHD u fil-fatt kien qiegħed fuq numru ta' mediċini li kienu jindikaw dawn il-kundizzjonijiet. … Saviour ibati bil-bipolar, jiġifieri għandu problema bil-burdata u ovvjament għandu problema bl-użu tas-sustanzi jew dak iż-żmien kellu problema bl-użu ta' sustanzi.* L-imsemmi Tabib qal li l-imputat x'aktarx kien ilu jsofri minn bipolar disorder madwar ħames snin. Mistoqsi dwar din il-kondizzjoni fl-imputat, Dr. Micallef Trigona ddikjara *bażikament ikollu perijodi fejn il-burdata daqqa tkun il-fuq, daqqa tkun l-isfel u tvarja ħafna bejn ħin u ieħor. Fil-każ ta' Saviour, il-perijodi jkunu iktar fil-qasir jiġifieri jagħmel perijodu iktar il-fuq imbagħad l-isfel jiġifieri l-varjazzjoni hija iktar ta' malajr milli fit-tul. … Il-bipolar m'hemmx kundizzjoni waħda imma hemm diversi. … Ikollu d-dwejjaq, ikollu nuqqas ta' ħeġġa u nuqqas ta' aptit biex jagħmel l-affarijiet. … Għax għandek il-bipolar ma jfissirx li bilfors se tkun vjolenti. Fil-każ ta' Saviour, milli naf jiena, għadda minn tfulija diffiċli, upbringing diffiċli li ovvjament affettwaw l-iżvilupp ukoll tal-pesonalità tiegħu. Jiġifieri affarijiet fil-personalità tiegħu jpoġġuh f'iktar riskju li dan jaġixxi b'mod mingħajr ma jaħsibha jiġifieri iktar impulsiv. … Parti hija mill-personalità tiegħu u parti hija mill-kundizzjoni tas-saħħa mentali tiegħu jiġifieri huma quite related. … as such il-vjolenza mhijiex parti essenzjali tal-kundizzjoni jiġifieri l-impulsività hija parti minnha. Imbagħad, minħabba l-karattru u l-personalità tiegħu, toħroġ bħala vjolenza. Imma mhux kulħadd li huwa bipolar neċessarjament huwa vjolenti. Il-vjolenza mhijiex waħda mill-kriterji tal-bipolar. … Bil-bipolar għandek iktar chance tkun impulsiv u minħabba n-natura tiegħu, l-impulsività imbagħad toħroġ. … Jekk jiġih ħsieb f'moħħu, digà bħala baseline, Saviour huwa xi ħadd impulsiv imma meta jkun iktar elated bħala mood, iktar isir impulsiv.* Mistoqsi x'jista' jwassal għall-perijodi ta' *highs u lows*, Dr. Micallef Trigona wieġeb *jista' jkun l-użu tas-sustanzi, jista' jkun it-temp, jistgħu jkunu l-problemi, anything. … hemm iktar chance, speċjalment jekk qed tieħu l-cocaine, per eżempju.* Mistoqsi kemm hemm element ta' paranoia fil-kundizzjoni tal-bipolar, Dr. Micallef Trigona wieġeb *hemm dik li jgħidulha mania with or without psychosis, jiġifieri xi ħadd meta jkun high jista' jkollu l-psikożi jew le, jiġifieri ovvjament il-paranoia hija parti mill-psikożi. Fil-każ ta' Saviour qatt ma nnutajt li dan jiġi high - meta kien l-isptar ovvjament - li kien high, paranoid, jiġifieri minħabba l-bipolar għaliex is-soltu, nies li għandhom il-bipolar li jkunu high u jibqgħu paranoid wara 3 jew 4 ijiem li jkunu użaw is-sustanzi*

[71] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2020, fol. 380 sa' 389 tal-proċess.

*jerġgħu jiġu għan-normal. Dawk li mhux qed jużaw is-sustanzi jkunu iktar fit-tul. … fil-każ ta' Saviour, il-highs u l-lows huma jiġifieri f'ġurnata jista' jkun li jkun hemm din il-varjazzjoni. … It is dik li jgħidulha rapid cycling. … Ġenetikament ikun predispost jiġifieri minnu għandu chance li toħroġ imbagħad jiġru affarijiet fil-ħajja tiegħu ovvjament it-trobbija tiegħu, l-użu tas-sustanzi li hija waħda kbira li mbagħad toħroġ il-kundizzjoni. Imma hu jkun predispost għaliha. … Saviour kull meta daħal dejjem kien ikollu ftit paranoia lejn l-istaff u lejn nies oħra imma as such ma kienx psikotiku jiġifieri out of touch kompletament mir-realità jiġifieri ma jafx fejn qiegħed, x'qed jiġri eċċ. … Dejjem kien hemm element ta' paranoia li niftakar jiena kull meta rajtu speċjalment fil-bidu ta' l-admission sakemm jerġa' jibda jieħu l-kura li qed nagħtuh, sakemm mhux qed jieħu s-sustanzi u sakemm jgħaddi ftit żmien, dejjem ikun hemm dik il-paranoia. Imma psikożi hija differenti għaliex xi ħadd li huwa psikotiku huwa out of touch kompletament mir-realtà. … Aħna nagħmlu dik li jgħidulha mental state examination u fil-mental state, bil-mod kif ikun qed jitkellem fuq l-affarijiet li qed jiġru fis-sala u mal-pazjenti l-oħra, tinduna li qed jgħid affarijiet li as such jista' jkun li mhumiex minnhom. Jiġifieri qed jiġru affarijiet lilu, ikun jaħseb li qed jiġru lilu imma as such ikun hemm spjegazzjoni differenti għalihom dawn l-affarijiet. Jiġifieri għalhekk kien hemm il-paranoia. Il-paranoia tista' tkun parti mill-piskożi imma fil-każ tiegħu ma kienx kompletament psikotiku. Kien jaħseb ħażin li qed jagħmlulu l-affarijiet apposta, għax hu Saviour eċċ, eċċ. … Kull darba li jiġi discharged aħna nirreferuh id-Detox fejn ikompli jsegwih ovvjament xi ħadd mid-Detox. … It-tieni admission taħt il-kura tiegħi kienet fil-31 ta' Lulju tas-sena 2019 jiġifieri dan qed ngħidu l-adimission ta' qabel kien telaq fis-6 ta' Lulju jiġifieri kien dam l-isptar bejn it-2 ta' Ġunju u is-6 ta' Lulju l-ewwel darba filwaqt li t-tieni darba daħal fil-31 ta' Lulju jiġifieri qed ngħidu ftit ġimgħat wara.* Mistoqsi jekk iċ-ċirkostanzi għal din l-admission kienux l-istess bħal ta' qabel, Dr. Micallef Trigona wieġeb *eżatt. Drug abuse u chaotic lifestyle kienet ir-raġun fejn kien qed juża' l-cocaine u l-heroin, kien għadu kif uża dik il-ġurnata stess u l-iktar li kien qed juża kienet il-cocaine u t-tnejn li huma kien jinjettahom. Kien aġitat ħafna, ħafna problemi soċjali u again kellu dik il-paranoia ftit qabel ma daħal imma meta rajnieh l-ewwel darba kienet digà naqset ftit. Allura kien simili għall-ewwel darba li kont rajtu. … L-aħħar darba kien fil-21 ta' Awwissu u l-istess affarijiet - l-użu tal-heroin, cocaine u anke daqsxejn alkoħol. Kien uża ġurnata qabel ma kien daħal l-isptar. Kien qed iħossu mdejjaq, kien anżjuż ħafna meta daħal, kellu xi ftit ħsibijiet biex Alla jieħdu imma mingħajr pjanijiet li jagħmel xi ħaġa biex imut, so similar circumstances.*

- **Dr. Joseph Spiteri**[72] illi xehed illi ilu numru ta' snin jaf lill-imputat u li rah diversi drabi kemm fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin kif ukoll fil-Forensic Unit u anke fl-Out Patients. Fir-rigward ta' l-imputat qal li dan kellu trobbija diffiċli u li anke jbagħti mill-ADHD u li għandu bipolar disorder. Dr. Spiteri ddikjara li l-imputat *għandu problema psikjatrika illi jkollu disturbed mental state u għandu bżonn il-kura għaliex għandu l-manic depressive biss. Meta kont narah jien għax kien hemm l-ADHD plus il-fatt illi kien jieħu l-cocaine, kien jidher iktar qisu schizoaffective disorder għaliex kien ikollu n-nies kontra tiegħu u dawn l-affarijiet hekk. Illum il-ġurnata qed jiġi kkontrollat u d-diagnosis hija manic depressive.* Dr. Spiteri ikkonferma li l-imputat għad li għandu *underlying problem*, din bit-teħid tad-droga tiġi agħar. L-imsemmi Psikjatra kkonferma li l-imputat jkollu *fluctuation* ta' highs u ta' lows iżda reġa' kkonferma li l-abbuż tad-droga jagħmel is-sitwazzjoni agħar, in effetti fuq mistoqsija diretta tal-Qorti jekk is-sitwazzjoni ta' l-imputat kienitx qed tiġi agħar minħabba l-abbuż tad-droga, Dr.

[72] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu 2021, fol. 400 sa' 403 tal-proċess.

Spiteri wieġeb *eżatt għaliex il-cocaine hija d-dopamina li qisha għalija l-istess kimika tal-hypomania.*

**L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

Bl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi akkużat talli fil-lejl ta 'bejn it-8 u d-9 ta 'Lulju 2018, għall-ħabta ta 'nofs il-lejl, ġewwa Coral Court, Block B, Flat 3, Triq il-Parroċċa, San Pawl il-Baħar, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Ashley Bernardette Camilleri u omissis, minuri ta' erba' (4) snin, skond kif iċċertifikat Dr. Sarah Bezzina MD mill-Isptar Mater Dei.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 28 ta' Mejju 2019[73], l-Avukat Ġenerali jindika li l-imputat jista' jinstab ħati ta' tali reat ai termini ta' l-Artikoli 202(h), 214, 215, 221(1), 222(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 214 u 215 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu li *kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna. L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.* L-Artikoli 221(1) u 222(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu li l-piena għar-reat ta' offiża ta' natura ħafifa fuq persuna hija ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew multa, b'żieda ta' grad meta, bħal fil-każ in eżami, l-offiża ssir fuq il-persuna tal-koabitant (għal dak li jirrigwarda Ashley Camilleri) uu/jew fuq il-persuna ta' persuna li tkun qed tgħix fl-istess bħall-ħati (għal dak li jirrigwarda omissis) u dan ai termini ta' l-Artikolu 202(h)(i)(v) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u b'mod partikolari mix-xhieda ta' Ashley Camilleri, omissis u omissis, entrambe dikjarati bħala xhieda kompetenti mill-Espert Psikologa Dr. Veronica Ellul Federici, ta' Dr. Sarah Bezzina u miċ-ċertifikati mediċi markati Dok. "JG5" u Dok. "JG6" a fol. 49 u 50 tal-proċess, u mir-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri, jirriżulta ppruvat 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li fil-lejl ta' bejn it-8 u 9 ta' Lulju 2018 għall-ħabta ta' nofs il-lejl, Ashley Camilleri u omissis sfaw imsawta u entrambe sofrew ġrieħi ta' natura ħafifa. Jirriżulta daqstant ieħor ippruvat 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li Ashley Camilleri u omissis ġew imsawta mill-imputat.

Dakinhar tat-8 ta' Lulju 2018, Ashley Camilleri flimkien ma' uliedha, inkluż għalhekk omissis, u l-imputat kienu qegħdin għand omm Ashley għal BBQ tal-familja. Susan Camilleri, omm Ashley Camilleri, xehdet illi meta kienu qegħdin għandha t-tfal, inkluż għalhekk omissis, ma kellhom l-ebda daqqiet u ġrieħi. Omissis, li jiġi ribadit ġie dikjarat bħala xhud kompetenti, konsistentement xehed - kemm mal-Pulizija, kif ukoll quddiem il-Qorti u anke ma' l-Espert Psikologa Dr. Veronica Ellul Federici - illi l-imputat sawwat lil omissis u lil ommu Ashley Camilleri. Omissis, ukoll dikjarata bħala xhud kompeteneti, qalet li qabel ma' omissis u omissis baqgħu waħdehom ma' l-imputat, omissis ma kellu l-ebda ġrieħi u qalet ukoll illi hija rat lill-imputat isawwat lill-ommha. Leonard Junior Bruno wkoll xehed dwar il-ġlieda li kien hemm għaddejja bejn Ashley Camilleri u l-imputat u li ra lil Ashley mimlija demm.

Dawn il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni li, jiġi ribadit, ilkoll jippuntaw lejn l-imputat bħala l-persuna li sawwat kemm lil Ashley Camilleri kif ukoll li omissis, u ikkaġunalhom ġrieħi ta' natura ħafifa, ma ġew bl-ebda mod kontradetti mill-imputat għajr għax-xhieda li tat Diane Pace li tikkontendi li mhux minnu li l-imputat sawwat lil omissis u li kienet

[73] Fol. 342 tal-proċess.

Ashley Camilleri li kienet qed tipprovoka lill-imputat. Din li l-Qorti però ma hijiex propensa li temmen lil Diane Pace fejn hija xehdet dwar il-fatti tal-każ kif ġraw skontha stante li meta hija kienet qed tixhed fir-rigward eżaġerat u dawret il-fatti bl-iskop uniku li tiddefendi lill-imputat akkost ta' kollox.

Mod ieħor kif l-imputat jipprova jiskolpa lilu nnifsu mill-ħtija għal dan ir-reat - u mill-ħtija għal reati oħra li bihom qed jiġi akkużat - huwa billi jikkontendi li għandu kondizzjoni, dik tal-bipolar disorder, li kellha impatt fuq dak li ġara. Il-Qorti però assolutament ma tqisx li l-kondizzjoni li jbati minnha l-imputat kienet il-kawża u kaġun ta' dak li ġara dakinhar tal-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Lulju 2018 u dana billi mix-xhieda mogħtija kemm mill-Psikjatra Dr. Beppe Micallef Trigona kif ukoll mill-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri u anke mix-xhieda mogħtija mill-Probation Officer Marianne Zammit, jirriżulta b'mod ċar li l-imputat jabbuża - jew għall-inqas fiż-żminijiet in kwistjoni kien jabbuża - kemm mid-drogi kokajina u erojina kif ukoll mill-alkoħol bil-konsegwenza li kien jiggrava sew il-kondizzjoni tiegħu. Dr. Beppe Micallef Trigona in oltre xehed li għalkemm persuni li jbagħtu minn bipolar disorder huma persuni iktar impulsivi, il-vjolenza - li kien l-element fondamentali fil-każ in eżami - ma hijiex element intrinsiku f'din il-kondizzjoni. Il-vjolenza tirriżulta biss meta l-persuna afflitta bil-kondizzjoni tal-bipolar disorder tassumi sustanzi jew xorb, xorb illi mill-provi prodotti jirriżulta fiċ-ċert li l-imputat kien ikkonsma dakinhar ta' l-inċident waqt li kien qiegħed għal BBQ għand omm Ashley. La l-imputat għandu din il-kondizzjoni li tiggrava anke bil-konsum ta' l-alkoħol, kien jispetta lilu li jirregola ruħu mhux li jikkonsma xorb, isir aggressiv, isawwat u jweġġa żewġ persuni, fosthom tifel żgħir ta' erba' snin, u imbagħad jippretendi li jinħeles minn kull responsabilità għaliex għandu kondizzjoni.

Fir-rigward ukoll il-Qorti tagħmel referenza għal dak provdut fl-Artikolu 33 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi *kull persuna tkun eżenti minn responsabbiltà kriminali jekk fil-waqt ta' l-att jew tan-nuqqas - (a) kienet fi stat ta' ġenn; jew (b) kienet imġiegħla b'forza barranija li ma setgħatx tirreżisti għaliha*. Il-każ in eżami żgur ma jinkwadrax taħt il-paragrafu (b) ta' dan l-artikolu tal-Liġi u lanqas, jekk niġu għal hekk, ma jinkwadra taħt il-paragrafu (a) ta' dan l-istess artikolu tal-Liġi in kwantu huwa prinċipju stabbilit li *kif inhu risaput l-espressjoni "stat ta' ġenn" fil-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali għandha sinifikat legali li mhux neċessarjament jattalja ruħu ma' dak li fil-mediċina jew fil-psikjatrija jitqies bħala "ġenn". Kif jispjegaw l-awturi Jones u Christie fil-ktieb tagħhom Criminal Law: "It is important to emphasise at the outset that insanity is a purely legal concept. It is not a clinical term derived from psychiatry or psychology. Insanity is not synonymous with any medical conception of mental disorder." "Fi kliem ieħor persuna tista' tkun marida mentalment fil-mument li tkun għamlet l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni li jammonta għall-element materjali tar-reat iżda dan ma jfissirx neċessarjament li dik il-persuna kienet fi "stat ta' ġenn" għall-finijiet ta' l-imsemmi Artikolu 33(a), cioè tali li tkun eżenti minn responsabilità kriminali. Biex ikun hemm l-istat ta' ġenn li jeżenta mir-responsabilità kriminali jrid jirriżulta (imqar fuq bażi ta' probabilità, meta d-demenza tkun ġiet eċċepita mill-akkużat jew imputat u allura il-piż ikun fuqu biex jipprova l-fatt) li l-akkużat jew imputat kien qed ibati minn marda tal-moħħ li minħabba fiha, fil-mument ta' l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni, huwa kien priv (i) jew mill-kapaċità li jifhem in-natura u il-kwalità ta' dak l-att li qed jagħmel, jew (ii) mill-kapaċità li jifhem li dak li qed jagħmel hu ħażin, jew (iii) mill-kapaċità li jagħżel jekk jagħmilx jew le dak l-att. Marda tal-moħħ - disease of the mind bl-Ingliż - mhux neċessarjament tkun patoloġija lokalizzata fil-moħħ - in the brain. Kif jipsjega Lord Diplock fil-każ ta' Sullivan [1984] AC 156, u b'referenza għall-M'Naghten Rules - regoli, li wieħed m'għandux jinsa, jirreferu biss għall-kapaċità di intendere, mentri l-Liġi tagħna tikkunsidra wkoll jekk*

*kienx hemm il-kapaċità di volere - "The nomenclature adopted by the medical profession may change from time to time ... But the meaning of the expression "disease of the mind" as the cause of "a defect of reason" remains unchanged for the purpose of the application of the M'Naghten Rules ... "mind" in the M'Naghten Rules is used in the ordinary sense of the mental faculties of reason, memory and understanding. If the effect of a disease is to impair these faculties so severely as to have either of the consequences referred to in the latter part of the rules, it matters not whether the aetiology of the impairment is organic, as in epilepsy, or functional, of whether the impairment itself is permanent or is transient and intermittent, provided that it subsisted at the time of commission of the act." U kif spejgat aktar fi Blackstone's Criminal Practice 2008: "It can also be seen that to a large extent, whether something is a disease of the mind depends on the consequences it produces - impairment of the faculties of reason, memory and understanding. The disease certainly need not be one primarily located in the brain if it produces the relevant consequences there. Thus areteriosclerosis (hardening of the arteries) causing temporary loss of consciousness is a disease of the mind for these purposes even though it is of physical rather than mental origin.* ***However, not every cause of and impairment of these mental faculties is a disease of the mind. A disease is something internal to the accused and so "A malfunctioning of the mind of transitory effect caused by the application to the body of some external factor such as violence, drugs, including anaesthetics, alcohol and hypnotic influences cannot fairly be said to be due to disease (per Lawton LJ in Quick QB 910 at p. 922...)***[74]*". L-istess jista' jingħad fil-każ ta' dipendenza, anke waħda qawwija, fuq drogi - tali dipendenza fiha nnifisha ma tammontax għal marda tal-moħħ għall-finijiet ta' l-Artikolu 33(a) imsemmi. Biex din il-Qorti tikkonkludi fuq dan l-aspett ser tikkwota minn dak li wieħed isib fl-appunti tal-Professur Sir Anthony Mamo: "The question of [insanity], when it arises, is one of fact: it has, that is to say, to be decided whether the defendant had a mental disease and, if so, whether it was of such a character and degree as to take away the capacity to know the nature of his act or to help doing it"*[75].

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinżamm kriminalment responabbli għall-għemil tiegħu dakinhar tal-lejl bejn it-8 u d-9 ta' Lulju 2018 fejn sawwat u fera b'mod ħafif lil Ashley Camilleri u lil omissis u konsegwentement għandu jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu.

**It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll illi fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Lulju 2018, għall-ħabta ta' nofs il-lejl, ġewwa Coral Court, Block B, Flat 3, Triq il-Parroċċa, San Pawl il-Baħar, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna u cioè lil Ashley Bernardette Camilleri kontra l-volontà tagħha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 28 ta' Mejju 2019, l-Avukat Ġenerali jindika li l-imputat jista' jinstab ħati ta' tali reat ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li *kull min, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew*

[74] Enfasi ta' din il-Qorti.
[75] Ir-Repubblika ta' Malta v. David Norbert Schembri, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Settembru 2008.

*issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa' sentejn: Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta' priġunerija minn xahar sa' tliet xhur jew il-multa.*

Fir-rigward tat-tifsira tar-reat previst fl-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Edwin Camilleri**, deċiża mill-Qorti Kriminali fis-7 ta' Ottubru 2021, fejn ġie osservat illi: *dwar it-tifsira ta' dan ir-reat il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fuq din l-istess materja mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna) v. Deemer Tabone"[76], ir-reat ta' arrest illegali jinkludi fih tlett ipoteżi differenti u cioè dik ta' l-arrest, taż-żamma jew tas-sekwestru tas-suġġett passiv. Fil-forma oriġinali tiegħu l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali jirriproduċi kważi kelma b'kelma l-Artikolu 169 tat-Tieni Ktieb tal-Codice per lo Regno delle due Sicilie li kien jippreskrivi s-segwenti: "Chiqunque senza ordine delle autorità costituite e fuori de' casi ne' quali la legge autorizza i privati all' arresto degl' incolpati, arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona, o presti il luogo per eseguire un tale arresto o sequestro sarà punito del primo grado de' ferri ne presidio"[77]. Skond il-maġġoranza ta' l-awturi ta' dak iż-żmien riċerkati minn din il-Qorti jirriżulta li dan ir-reat kien imnissel mir-reat aktar qadim ta' "carcere privato". Sa' minn żmien il-Carmingnani kien ġie rikonoxxut li dan ir-reat ma hux rifless biss fl-ipoteżi ta' l-arrest ta' persuna mingħajr awtorità leġittima[78]. Il-Carmignani kien jiddistingwi bejn ir-reat ta' carcere privato - (a) fis-sens proprju ristrett u dak ta' (b) carcere privato per equipollenza. Biss sa' minn din it-tifsira bikrija jirriżulta li l-kunċett ta' carcere privato kien ristrett għall-ipoteżi ta' arrest attwali, detenzjoni jew sekwestru ta' persuna. "È vero carcere un locale da tutte le parti chiuso, affin di ritenervi o punirvi gli uomini, ciò che fù una delle insigne e dei simboli della magistratura, s'intende poi tale per equipollenza quando taluno nella proprio casa abbia coll' aiuto dei suoi servitori o senza, legato un uomo, oppure, se non legato, rinchiuso. Francesco Sav. Arabia[79] li jikkummenta ukoll fuq il-Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet jgħid li: "Arresta chi privando un' uomo della sua libertà lo riduce in luogo chiuso ma riconosciuto come carcere, o anche lo consegni ad una autorità pubblica: detieni chi trovando altri in luogo chiuso gl'impedisce di uscirne: sequestra chi priva altri della sua libertà separandolo dal consorzio di coloro da cui potrebbe essere soccorso. Da queste tre voci usate dal legislatore e che nell' linguaggio legale non pare che possono avere una distinzione diversa da quella che abbiamo indicato, è chiaro come qualunque impedimento alla libertà civile è compreso nella sanzione di questo articolo". Skond l-Arabia dan ir-reat mhux limitat għal meta tiġi mhedda biss il-libertà naturali tas-suġġett passiv iżda wkoll meta l-libertà ċivili tas-suġġett passiv tiġi newtralizzata - kunċett evidentement aktar wiesa' minn dak ta' libertà naturali. Biss il-Codice per lo Regno delle due Sicilie espanda fuq il-kunċett ta carcere privato billi żied b mod espliċitu mhux biss l-ipoteżi tal-arrest jew detenzjoni iżda wkoll dik tas-sekwestru ossija sequestro. Dawn huma għalhekk tliet ipoteżi differenti li però jikkostitwixxu ir-reat tal-carcere privato. Maż-żmien din it-tifsira tal-carcere privato evolviet u diversi awturi Taljani oħra spjegaw sitwazzjonijiet differenti fejn persuna tkun tista tiġi arrestata illegalment minkejja li ma tkunx konfinata fi spazju fiżiku delineat bħal residenza jew ambjent magħluq. Skont ir-Roberti[80] dan ir-reat kien jaqa fil-kategorija ta reati intiżi li jittutelaw il-libertà personali minkejja l-fatt li kienu*

[76] Deċiża fil-15 ta' Mejju 2016.
[77] l-Codice per lo Regno delle due Sicilie, Prima Edizione, Parte Seconda, Avv. Luigi Dentice & Co., Napoli, 1849, page 38.
[78] Elementi di Diritto Criminale, Giovanni Carmignani, Prima Edizione Italiana del Professor Caruana Dingli, 2a edizione napolitana sull'ultima di Malta, Napoli, 1854, page 248-249.
[79] I Principi del Diritto Penale, 2a. Edizione, Volume 1, Napoli, 1859, page 48.
[80] Corso Completo del Diritto Penale, Volume 4, Napoli, 1834 page 378.

*jinsabu fis-sub-titolu Dell uso privato de mezzi della pubblica autorità. Roberti jgħid: La legge adopera l espressioni arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona. Esse non sono certamente sinonimi, ma ciascuna indica un modo speciale con cui si puo attentare alla libertà della persona. Era per diritto antico espressamente disposto che sotto il nome di carcere privato non s intendesse solamente la detenzione arbitraria in luogo chiuso da tutti i lati a forma di carcere, ma anche l impedimento qualunque recati ad altrui sia legandolo, sia trasportandolo suo malgrado o facendolo ovunque trattenere per forza .... che il reato preveduto nell art. 169 esistà sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro". Ferrarotti*[81]*, li jikkummenta fuq il-Kodiċi tal-Piemonte li kien jippreskrivi disposizzjoni simili għall-dik kontemplata fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku aktar il-fuq imsemmi jistqarr: Havvi arresto o sequestro criminoso di persona, ogni volta, che un individuo è stato privato della piena libertà individuale; non è necessario il concorso della forza materiale e della violenza"; cass. 18 luglio 1849 ricorso Torre – Bettini. Dan ifisser li biex jitwettaq id-delitt tal-arrest jew żamma illegali mhux meħtieġ li jkun imwettaq b xi vjolenza jew bl-eżerċizzju ta forza materjali fuq is-suġġett passiv tar-reat. Skont dik il-Liġi jekk ikun hemm vjolenza jew forza materjali eżerċitata fuq is-suġġett passiv, is-suggett attiv jirrendi ruħu responsabbli għar-reat fil-forma kwalifikata tiegħu. Inoltre huwa jtenni li ma hemmx bzonn li jigi determinat jew stabbilit xi motiv specifiku wara l-arrest, żamma jew sekwestru tas-suġġett passiv. Il-Buonfanti fil-Manuale Teorico Pratico del Diritto Penale*[82]*, kummentarju fuq il-Kodiċi Penali tat-Toscana jgħid: - Bisogna dunque distinguere in questo delitto il fatto materiale, e la sua moralità. Il fatto materiale può effetuarsi in tre modi distinti per l arresto, la detenzione, il sequestro. Questi tre fatti differenti, per essere dalla legge repressi non esigono la presenza simultanea di ciascuno di essi; sono tre delitti analoghi che possono sia riunirsi in uno solo, sia verificarsi isolatamente, e in ciascuna di queste ipotesi, come è facile il dimostrare essi ugualmente costituiscono il reato in esame. Quindi lo arresto momentaneo d una persona senza ch essa sia stata rinchiusa in quasivoglia luogo; la sua detenzione nella casa propria e conseguentemente senza che essa sia stata precedentemente arrestata; finalmente, e a più forte ragione, il sequestro della medesima in un luogo solitario, questi tre fatti, identici per loro carattere, differenti per la loro forma, costituiscono dei delitti indipendenti l uno dall altro, ma si confondono in una stessa imputazione. ... D onde la regola generale, essere sufficiente che la persona non abbia potuto ritirarsi liberamente, perchè essa possa essere considerate come arrestata o detenuta... Quanto poi alla moralità, ossia alla causa del fatto, perchè questo possa reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dello agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un autorità che ai soli magistrati si appartiene". Element importanti ghall-ezistenza ta' dan r-reat kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1998, fl-ismijiet* ***Il- Pulizija v. Andrew Bonnici*** *huwa li bniedem irid jkun jittiehed fil-post kontra l-volunta tieghu.*

Meta l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari x-xhieda ta' Ashley Camilleri, jiġu ikkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi pertinenti għar-reat previst fl-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jirriżulta li fil-każ in eżami r-reat imsemmi ma jissussistix.

[81] Commentario Teorico Pratico del Codice Penale, T. Ferrarotti, Torino, 1860, p 294.
[82]J. Buonfanti, Pisa, 1849 page 819.

Mix-xhieda ta' Ashley Camilleri in effetti jirriżulta li hi u t-tfal tagħha fl-ebda ħin ma kienu issekwestrati, detenuti jew arrestati mill-imputat ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta li kieku riedet setgħet toħroġ mill-appartament, senjatament mill-gallarija - proprio minn fejn eventwalment daħal Leonard Junior Bruno - biss ma għamlitx hekk għaliex seta' jkun ftit diffiċli minħabba t-tfal. Mistoqsija b'mod espliċitu jekk għamlitx tentattiv biex toħroġ mill-appartament u ġiet impeduta milli tagħmel dan mill-imputat, Ashley Camilleri wieġbet *xtaqtkom tidħlu* [ossia l-Pulizija] *ħalli tieqaf l-affari*, ossia sabiex tieqaf l-aggressjoni ta' l-imputat fuqha. L-imputat fil-fatt ma kienx qed jżomm il-bieb ta' l-appartament ta' Ashley Camilleri biex hi u wliedha ma joħorġux imma iktar biex il-Pulizija ma jidħlux għalih u jarrestawh.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti tqis li l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli fid-data, lok, ħin u ċirkostanzi meta kellu r-responsabilità ta' tifel taħt 12-il sena, u cioè omissis, b'atti persistenti ta' għemil jew ta' nuqqas ta' għemil, ħaqar lit-tifel jew ġiegħel jew ippermetta il-moħqrija tat-tifel b'mezzi simili.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 28 ta' Mejju 2019, l-Avukat Ġenerali jindika li l-imputat jista' jinstab ħati ta' tali reat ai termini ta' l-Artikoli 247A(1)(2)(3) u 197(5) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta.

L-Artikolu 247A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kien, fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, jipprovdi li: *(1) kull min ikollu r-responsabbiltà ta' tifel ta' taħt it-tnax-il sena u b'atti persistenti ta' għemil jew ta' nuqqas ta' għemil jaħqar lit-tifel jew iġiegħel jew jippermetti l-moħqrija tat-tifel b'mezzi simili, jeħel, meta jinsab ħati, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi reat aktar gravi taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn. (2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), moħqrija tinkludi li wieħed jittraskura lit-tifel fil-bżonnijiet tiegħu ta' nutrizzjoni adegwata, ta' lbies adegwat, ta' kenn adegwat, u ta' protezzjoni adegwata biex ma tiġrilux ħsara, li wieħed persistentement joffendi d-dinjità u l-karattru tat-tifel b'mod gravi u li wieħed persistentement jimponi fuq it-tifel xogħol mhux adattat għall-età tiegħu jew xogħol fiżiku iebes. (3) Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 197(4) jgħoddu wkoll fil-każ ta' reat taħt dan l-artikolu, meta r-reat isir minn axxendent jew tutur.*

Għall-finijiet ta' l-elementi ta' dan ir-reat, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maryanne Decelis**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-4 ta' Awwissu 2006, fejn ġie osservat illi *s-sors ta' dan l-artikolu ġdid* [għal dak iż-żmien] *jinsab fil-liġi Ingliża u cioè ic-Children and Young Persons Act (1933). Section 1(1) tal-Liġi Ingliża tal-1933 titkellem fuq ir-reat kommess minn "any person who has attained the age of sixteen years, and has the custody, charge or care of any child or young person under that age, wilfully assaults, ill-treats, neglects, abandons or exposes him to be assaulted, ill-treated, neglected, abandoned or exposed, in a manner likely to cause him unnecessary suffering or injury to health (including injury to or loss of sight, or hearing, or limb, or organ of the body, and any mental derangement)". Imbagħad is-Section (7) kienet tiddisponi li "Nothing in this section shall be construed as affecting the right of any parent child or young person, to administer punishment to him". Mill-qari akkurat ta' din id-dispożizzjoni tal-Liġi Maltija jemerġi li r-reat in diżamina jista' jiġi kommess b'diversi modi u cioè minn min b'atti jew ommissjonijiet persistenti jaħqar jew iġiegħel jew jippermetti l-moħqrija ta' tifel minn ħaddieħor bl-istess atti jew*

*ommissjonijiet persistenti. It-tieni subartikolu imbagħad ikompli jelabora x'tista' tinkludi din il-moħqrija u cioè li wieħed jittraskura t-tifel fil-bżonnijiet tiegħu ta' nutrizzjoni adegwata, ilbies adegwat, kenn adegwat u ta' protezzjoni adegwata biex ma jiġrilux ħsara. Hawn jidher li l-kelma jittraksura għandha aktar is-sinifikat ta' ommissjoni li wieħed jagħmel dak li għandu jagħmel milli ta' xi att involontarju. Finalment ukoll hi inklużа f'moħqrija li wieħed persistentement joffendi d-dinjità u l-karattru tat-tifel b'mod gravi jew jimponi fuq it-tifel xogħol mhux addattat għall-età tiegħu jew xogħol fiżiku iebes. Fi kliem ieħor, il-gamma ta' atti jew ommissjonijiet li jsitgħu jammontaw għall-moħqrija imputabbli tidher ferm wiesgħa u tikkomprendi diversi aspetti li jmorru lil hinn mis-swat, kastigi esaġerati, eċċetera.* ***L-element tal-persistenza jidher ukoll emfasizzat fil-Liġi***[83].

Għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri l-Qorti ser tissofferma ruħha fuq l-element tal-persistenza hekk materjali għar-reat previst fl-Artikolu 247A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li bih qed jiġi akkużat l-imputat, u dana billi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta b'mod ċar li tali element huwa għal kollox nieqes.

Ashley Camilleri stess xehdet li l-imputat kien jgħina fit-trobbija u kura ta' uliedha minuri omissis u omissis sakemm huma damu f'relazzjoni bejniethom u li qatt ma kellha problemi u inċidenti miegħu fejn jidħlu t-tfal, anzi qalet li huma kienu jmorru tajjeb ħafna miegħu. Hija addirittura ħafret lill-imputat u qalet b'mod ċar li *naħfirlu talli ġara,* ***it was a one time thing***[84]*, jiena u hu ma ħa nkunu flimkien u mhux ħa jiġi jgħix miegħi so as far as jiena u t-tfal naf li ħa nkunu safe. Inħoss li serva biżżejjed żmien, I mean it s up to you imma speċi hekk naħseb jiena, jiena naħfirlu imbagħad it s up to you biex taraw xġ'ara u x ma ġarax.* ***Din kienet l-ewwel darba hux li qatt mess lili u kien hemm inċident mat-tfal so mhux xi ħaġa recurring, it was a one time thing***[85] *u mhux ħa terġa tiġri għax mhux ħa jkun hemm relazzjoni bejnietna u hu mat-tfal tiegħi.*

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u fin-nuqqas ta' l-element tal-persistenza, mingħajr ma tnaqqas xejn mis-serjetà u l-gravità ta' l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti tqis li l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Ir-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurja u/jew hedded lil PS343 Glen Carabott u lil PC312 Joseph Sultana, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz **u** li aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku u cioè ta' PS343 Glen Carabott, PC312 Joseph Sultana, PC83 Wayne Bonello u PC956 Justin Buhagiar, filwaqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 28 ta' Mejju 2019, l-Avukat Ġenerali jindika li l-imputat jista' jinstab ħati ta' tali reati ai termini ta' l-Artikoli 95, 96 u 99A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta.

---

[83] Enfasi ta' din il-Qorti.
[84] Enfasi ta' din il-Qorti.
[85] Enfasi ta' din il-Qorti.

L-Artikoli 95 u 96(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu li: *kull min, f kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jingurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000)*; *Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew bħ'ebb, ta xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati - (a) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta mhux inqas minn erbat elef euro (4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000).*

L-Artikolu 99A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għal reati taħt dan is-Sub-titolu. (2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 21 m għandhomx japplikaw fir-rigward ta kull persuna ħatja ta reat taħt dan is-Sub-titolu. (3) Kull multa li għaliha l-persuna ħatja ġiet ikkundannata li tħallas tista tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

Għall-fini ta' l-elementi tar-reati previsti fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmelo Bugeja**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Jannar 2014, fejn ġie osservat illi: *l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 jitkellem dwar l-inġurja jew theddid fil-konfront ta' l-uffiċjal pubbliku. Illi għalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-inġurja jew it-theddid. Dawn jistgħu jieħdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, ġesti jew tpinġija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-ġieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' ikun biss l-uffiċjal pubbliku u l-inġurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jagħmel servizz pubbliku (2) jew inkella minħabba li ikun għamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-ħsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. Illi l-artikolu 96, imbagħad għalkemm ukoll għandu bħala vittma, l-uffiċjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali għal kostituzzjoni ta' dana ir-reat: 1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss disubbidjenza tal-liġi jew ta' ordni mogħtija minn xi awtorità għalhekk mhux suffiċjenti għal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli jgħid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith." Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun neċessarjament akkompjanta bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-ħebb. Għalhekk insulti jew theddid qatt ma jistgħu jwasslu għal ħtija taħt dina id-disposizzjoni tal-liġi. 2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jiġi komess fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew kif tgħid testwalment il-liġi "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku". 3. Fl-aħħarnett huwa neċessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-uffiċjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qiegħed jaġixxi*

*għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorità kompetenti. Il-Mamo ikompli igħid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime." Il-Qrati tagħna f diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iż-żewġ reati. Fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Joseph Zahra' deċiża mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 ġie deċiż: "Dana l-artikolu (b'referenza għall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku" (l-istess bħalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), iżda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed taġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' xi ordni mogħti skond il-liġi minn xi awtorità kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik użata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".*

Minn eżami tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, partikolarment mix-xhieda ta' Ashley Camilleri, ta' Leonard Junior Bruno, ta' omissis u ta' l-uffiċjali tal-Pulizija li rrikorrew fuq il-post u eventwalment arrestaw lill-imputat, ossia PS343 Glen Carabott, PC312 Joseph Sultana, PC83 Wayne Bonello u PC965 Justin Buhagiar, jirriżulta 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat irreżista bi vjolenza lill-Pulizija kemm meta dawn ippruvaw jidħlu fl-appartament ta' Ashley Camilleri sabiex jassistuha u jwaqqfu l-kommissjoni li kienet għaddejja hemm ġew kif wkoll fil-ħin meta huma eventwalment daħlu fl-appartament u għaddew għall-arrest ta' l-imputat. Jirriżulta wkoll ppruvat 'l hinn minn kull dubju raġonevoli, u dana mix-xhieda ta' l-ufficjali tal-Pulizija involuti, li wara li rnexxielhom jarrestaw lill-imputat u kienu qed joħduh lejn l-Għassa tal-Qawra u eventwalment l-Isptar Mater Dei, l-imputat kien qed jinġurjahom bi kliem dispreġġattiv dirett kontrihom.

F'dan il-każ ma hemmx dubju li kienu involuti uffiċjali pubbliċi li kienu qed jesegwixxu d-dmirijiet tagħhom kif fuqhom imposti ai termini tal-Liġi, u cioè meta fuq rapport illi sar irrikorrew fl-appartament ta' Ashley Camilleri biex iwaqqfu l-kommossjoni li kienet għaddejja hemm ġew, fejn appuntu kien hemm ġlieda għaddejja bejn mara u raġel u kien qed jidher li r-raġel kien qed isawwat u jhedded lil din il-mara. Meta rrikorrew fuq il-post u ħabtu biex jidħlu fl-appartament, l-imputat laqa' lill-Pulizija fi stat aġitat ħafna u b'sikkina f'idejh u meta sabbtilhom il-bieb f'wiċċhom u ma riedx iħallihom jidħlu u anke beda jirreżistihom u joħroġ idu bis-sikkina fiha għalihom, il-Pulizija kellhom jużaw dik il-forza neċessarja biex jidħlu u meta anke rreżista bi vjolenza għall-arrest, l-istess Pulizija kellhom jużaw dik il-forza neċessarja biex effettivament iwaqqfu u jarrestaw lill-imputat.

Ix-xhieda ta' Ashley Camilleri, Leonard Junior Bruno, omissis u ta' l-uffiċjali tal-Pulizija iktar 'l fuq imsemmija, ma ġiet bl-ebda mod debitament u sodisfaċentement kontradetta jew imxejna mill-imputat. In fatti, kif già iktar 'l fuq osservat, huwa llimita ruħu f'li jikkontendi li l-kondizzjoni tal-bipolar disorder li huwa jbati minnha kellha impatt fuq dak li ġara. Għar-raġunijiet già iktar 'l fuq mogħtija u li l-Qorti filwaqt li tagħmel ampja referenza għalihom mhux ser toqgħod terġa hawn tirrepeti, tqis li l-imputat ma jistax jippretendi li jargumenta b'suċċess li għaliex ibati minn din il-kondizzjoni huwa ma għandux jinstab kriminalment responsabbli għall-għemil tiegħu fil-konfront ta' l-uffiċjali tal-Pulizija li irrikorrew fl-appartament ta' Ashley Camilleri għall-fini li jaqdu d-dmirijiet tagħhom.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk, il-Qorti tqis li l-imputat għadu jinstab ħati tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Is-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi żamm fil-pussess tiegħu, ġarr il-barra minn xi fond jew dintorni tiegħu, sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta hija, mingħajr il-liċenzja jew permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 28 ta' Mejju 2019, l-Avukat Ġenerali jindika li l-imputat jista' jinstab ħati ta' tali reat ai termini ta' l-Artikoli 6, 51(7) u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta 'Malta.

L-Artikolu 6 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *salvi d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta ferm ċar li l-projbizzjoni hemm kontemplata tapplika għal meta persuna tkun qed iġġorr sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta **'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu**. Mill-provi prodotti però jirriżulta li fil-każ in eżami l-imputat, għad illi kellu sikkina f'idu. ma ħariġtx 'l barra mill-appartament ta' Ashley Camilleri jew mid-dintorni tiegħu b'din is-sikkina. In effetti tul il-ħin kollu li kellu s-sikkina f'idu, l-imputat kien dejjem fl-appartament ta' Ashley Camilleri u għalkemm kien hemm ħinijiet meta beda joħroġ idu mill-bieb ta' l-appartament b'sikkina f'idu meta l-Pulizija ippurvaw jidħlu fl-appartament, xorta waħda ma jirriżultax li huwa ħareġ il-barra mid-dintorni ta' l-appartament. Konsegwentement għalhekk l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Is-seba' sat-tnax-il imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat: (a) u aktar talli ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehx jew fixxklu waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lill-ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt id-disposizzjonijiet oħra tal-Kodiċi Kriminali jew ta' liġi oħra; (b) u aktar talli għad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offenda l-morali, l-imġieba jew id-deċenza pubblika; (ċ) u aktar talli kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; (d) u aktar talli bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor; (e) u aktar talli mingħajr ma jidrob jew isawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi oħra kontra n-nies; (f) u aktar talli inġurja jew hedded lil Ashley Bernardette Camilleri, b'inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f il-Kodiċi, anke jekk kien ipprovokat, inġurjat b'mod li ħareġ 'l barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 28 ta' Mejju 2019, l-Avukat Ġenerali jindika li l-imputat jista' jinstab ħati ta' tali reati ai termini ta' l-Artikoli 338(ee), 338(bb), 338(dd), 338(m), 339(1)(b)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-reati li bihom l-imputat qed jiġi akkużat bis-seba' sat-tnax-il imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu huma lkoll kontravvenzjonijiet u l-pieni li jistgħu jingħataw f'każ ta' ħtija

huma: (a) id-detenzjoni; (b) l-ammenda; (ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba[86]. Dawn l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront ta' l-imputat però huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 688(f) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi li: *bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort' oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni: (f) l-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet, u għall-inġurija bil-fomm suġġett għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.*

L-imputat qed jiġi akkużat li wettaq dawn il-kontravvenzjonijiet fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Lulju 2018 iżda l-imputazzjonijiet li qed jiġu deċiżi b'dawn il-proċeduri, ossia l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat fil-25 ta' April 2019, ġew appuntu dedotti fil-konfront tiegħu iktar minn tmien xhur wara d-data li fiha huwa allegatament wettaq l-istess.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti tqis li l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tas-seba' sat-tnax-il imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu in kwantu dawn huma preskritti.

**It-tlettax-il imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli fl-istess ġurnata, ħin u ċirkostanzi msemmija qabel, ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta 'sentenza sospiża mogħtija nhar it-13 ta ' Lulju 2016 mill-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech LL.D., u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 28B et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 28 ta' Mejju 2019, l-Avukat Ġenerali jindika li l-imputat jista' jinstab ħati ta' tali reat ai termini ta' l-Artikoli 28A u 28B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ppreżentat kemm il-Fedina Penali ta' l-imputat Dok. "JG2" a fol. 10 sa' 20 tal-proċess, kif ukoll sentenza pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 13 ta' Lulju 2016 li biha, in bażi għal ammissjoni ta' l-imputat, ai taermini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-imputat ġie ikkundannat għal sentejn (2) priġunerija sospiżi għal erba' (4) snin u multa ta' €4,000 pagabbli fi żmien tlett (3) snin mid-data tas-sentenza[87]. L-imputat f'dawk il-proċeduri kien Saviour Cachia, iben Vincenza neè Schembri, imwieled il-Pietà fil-31 ta' Mejju 1981 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 271481(M), li huwa appuntu l-imputat fil-proċeduri odjerni.

Ir-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri twettqu fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Lulju 2018, ossia entro t-terminu operattiv tas-sentenza sospiża pronunċjata fil-konfront tiegħu fit-13 ta' Lulju 2016, u għaldaqstant huwa għandu jinstab ħati tat-tlettax-il imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**L-addebitu tar-reċidiva:**

Il-Prosekuzzjoni titlob sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti tqis lill-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, addebitu dan li jinsab rifless fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali.

In sostenn ta' dan l-addebitu, il-Prosekuzzjoni esebiet żewġ sentenzi: (i) is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 13 ta' Lulju 2016 fejn, kif già osservat iktar 'l fuq, l-imputat - li huwa l-istess imputat

[86] Artikolu 7(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[87] Dok. "A" a fol. 239 u 240 tal-proċess.

f'dawn il-proċeduri - ingħata sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin[88]; u (ii) is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 26 ta' Lulju 2010 fil-konfront ta' l-imputat odjern, hekk kif jirriżulta mid-dettalji tiegħu fuq l-istess imsemmija sentenza.

L-Artikoli 49(1) u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu li: *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor,* u *meta persuna kkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-Artikolu 28F tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi: *meta l-qorti tkun qegħda tittratta ma' ħati dwar reat, li għalih hemm piena ta priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta sentenza sospiża, hija għandha tqisu bħala reċidiv fit-tifsir tal-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jistħoqq għal dak ir-reat l-ieħor, iżda il-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-artikolu 50 ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura.*

Minn qari akkurat ta' dawn il-provvedimenti tal-Liġi jirriżulta li l-imputat jista' jinstab reċediv biss ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux ukoll ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi r-reati li tagħhom qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri twettqu: (i) waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża pronunċjata fit-13 ta' Lulju 2016; u (ii) oltre t-terminu ta' ħames (5) snin mid-data tas-sentenza pronunċjata fis-26 ta' Lulju 2010 fejn il-piena inflitta kienet ta' seba' (7) xhur priġunerija.

Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat għandu jitqies bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena, il-Qorti, apparte l-fatt li ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, ħadet in konsiderazzjoni wkoll is-Social Inquiry Report imħejji fir-rigward ta' l-imputat mill-Probation Officer Marianne Zammit minn liema jirriżulta b'mod ċar li *l-aktar punti predominanti li ħarġu huma dawk ta' l-abbuż tad-droga u l-alkoħol u l-impulsività qawwija tiegħu,* u ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li mix-xhieda ta' l-istess Probation Officer Marianne Zammit, l-imputat jidher li qed jagħmel l-għalmu kollu tiegħu biex jiffaċċja u jittratta l-problemi tiegħu u jidher ukoll li qed jgħix ħajja iktar stabbli. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li Ashley Camilleri, li tiġi ukoll omm il-minuri omissis, hafret lill-imputat.

**Decide:**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti:

- Filwaqt li tiddikjara li l-imputat ma huwiex ħati tat-tieni, tat-tielet u tas-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom u tiddikjara wkoll li l-imputat mhux qed jinstab ħati tas-seba', it-tmien, id-disa', l-għaxar, il-ħdax u t-tnax-il imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu in kwantu dawn huma preskritti ai

[88] Dok. "A" a fol. 239 u 240 tal-proċess.

termini ta 'l-Artikolu 688(f) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, u b'hekk tilliberah minnhom ukoll;

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 31, 49, 95, 96, 99A, 202(h), 214, 215, 221(1), 222(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta:

- Qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, kif ukoll ta' l-addebitu tar-reċidiva, iżda peress illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ is-sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa: (a) fl-interess li jiġi assigurat li huwa jirribailita ruħu mill-abbuż tad-droga u ta' l-alkoħol u li jibqa' jżomm 'il bogħod mill-vizzji, (b) sabiex jieħu t-trattament u kura kollha meħtieġa biex jindirizza l-kondizzjonijiet li huwa għandu kif ukoll l-impulsività u aggressività tiegħu; u (ċ) anke sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-pubbliku u tiġi evitata l-possibilità li l-imputat iwettaq reati ulterjuri, ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Probation mogħti llum stess u anness ma' u formanti parti integrali minn din is-sentenza.

  Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfiehem lill-imputat bi kliem li jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni hekk imposta fuqu, jew jagħmel reat ieħor tul iż-żmien li tali Ordni jkun in vigore, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri.

  Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza u d-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Probation jiġu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u li kopja ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuq l-imputat tingħata lill-istess imputat.

Wara li rat l-Artikoli 28A, 28B u 28Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta:

- Qed issib lill-imputat ħati tat-tlettax-il imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda peress illi fid-dawl tal-fatt li l-imputat illum qed jagħmel l-għalmu kollu tiegħu biex jiffaċċja u jittratta l-problemi tiegħu u jidher ukoll li qed jgħix ħajja iktar stabbli, ma tqisx li tkun ħaġa ġusta li tagħmel ordni bis-saħħa ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ai termini ta' l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tibdel l-ordni oriġinali ta' sospensjoni ta' erba' (4) snin imposti bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Saviour Cachia" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Lulju 2016, għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

  A tenur ta 'l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' dan it-terminu ta' sospensjoni, reat li ghalih hemm piena ta' priġunerija.

Peress illi mis-Social Inquiry Report fir-rigward ta' l-imputat mħejji mill-Probation Officer Marianne Zammit jirriżulta li l-imputat għandu kemm problema ta' abbuż ta' droga u alkoħol kif ukoll għandu l-kondizzjoni ta' bipolar disorder u ADHD li għandhom bżonn jiġu kkurati u trattati, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' tlett

(3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dan l-Ordni ta' Trattament qed jiġi magħmul għall-fini li l-imputat jingħata it-trattament u kura kollha meħtieġa sabiex jirriabilita ruħhu mill-abbuż ta' droga u alkoħol u għall-kondizzjonijiet ta' bipolar disorder u ADHD li huwa għandu, inkluż li jiġi segwit minn Psikjatra u għal dan l-aħħar fini qed tinnomina bħala l-Psikjatra li għandu jsegwi lill-imputat tul it-terminu ta' dan l-Ordni ta' Trattament lil Dr.Beppe Micallef Trigona.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Ashley Camilleri u wliedha omissis, omissis u omissis, qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħuinnfisu taħt penali ta' ħames mitt Euro (€500) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri millum. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' ħames mitt Euro (€500) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur is-somma komplessiva ta' €2,598.77[89] rappreżentanti spejjeż konnessi man-nomina ta' l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino[90], l-Espert Tekniku John Sacco[91], l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[92], it-traduttriċi l-Avukat Dr. Daniela Bugeja Mangion[93], l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar[94] u l-Espert Psikologa Dr. Veronica Ellul Federici[95], f'dawn il-proċeduri.

In fine l-Qorti tordna li l-ismijiet ta' omissis, omissis u omissis, in kwantu minorenni fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, ma jiġux ippubblikati.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

89 A tergo ta' fol. 224 tal-proċess u a tergo ta' fol. 287 tal-proċess.

90 €340 a tergo ta' fol. 43 tal-proċess.

91 €467.16 a fol. 214 tal-proċess.

92 €206.50 a fol. 237 tal-proċess.

93 €234.51 a tergo ta' fol. 268 tal-proċess.

94 €495.60 a fol. 275 tal-proċess.

95 €855 a fol. 296 tal-proċess.